## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 71/2020: **CHRISTIAN DEBONO (KI. 407286M) EŻERĊITANTI L-KUMMERĊ TAĦT L-ISEM TA' VICTORY COSTUMES V. JUST NOISE LIMITED (C92108)**

(EĊĊEZZJONI PERENTORJA MRESSQA F'NOTA TA' EĊĊEZZJONIJIET FINALI - L-ELEMENTI TAL-*EXCEPTIO INADIMPLETI CONTRACTUS* U L-*PRINĊIPJU TA' INADIMPLENTI NON EST ADIMPLENDUM* – L-EĊĊEZZJONI TAL-INADEMPJIMENT TISTI TIĠI SOLLEVATA B'MOD ĠENERALI RELATIVAMENT GĦALL-KUNTRATTI SINALLAGMATIĊI KOLLHA U MHUX BISS FEJN IL-LIĠI TIPPROVDI GĦALIHA – PRESUNZJONI LEGALI AI TERMINI TAL-ART. 49(2) LI ĦLAS JEW PREZZ JITQIES LI JINKLUDI T-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**2 ta' Diċembru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Christian Debono (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2020[1] li permezz tiegħu talab lil Just Noise Limited (imsejjħa "l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") sabiex tidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid l-għaliex m'għandiex tkun ikkundannata li:

> **"tħallas lill-esponenti l-ammont ta' tnax -il elf u ħamsa u għoxrin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€12,025.42) rappreżentanti bilanċ dovut minn somma akbar għall-ħlasijiet ta' diversi uniformijiet u aċċessorji u dan hekk kif aħjar indikat fuq l-anness Dok A ;**

[1] Fol 1-3

**Bl-ispejjeż inklużi tal-mandat li qiegħed jiġi preżentat kontestwalment, oltre l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 166A (417/2020) u bl-ogħla imgħaxijiet legali mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas effettiv"**

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fis-16 ta' Novembru 2020[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

**"1. Illi fuq nota preliminari, din il-Qorti għandha tordna s-soprasessjoni tal-proċedura odjerna stante li ħiet inizzjata proċedua ulterjuri mis-soċjeta' esponenti, li tirrigwarda l-istess mertu, fl-ismijiet inversi (Kawża numru 776/2020 fl-ismijiet ta' Just Noise Limited vs. Christian Debono);**

**Illi dan sar sempliċiment minħabba l-fatt illi ma setgħetx tiġi sottomess kontr-talba quddiem din il-Qorti, stante li t-talba tas-soċjeta' esponenti fil-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili teċċedi il-15,000 Ewro;**

**Illi din is-soprasessjoni qiegħda tiġi mitluba tal-inqas provviżjorament sa kemm ir-rikors intavolat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qiegħed jintalab ir-ripeskaġġ ta' din il-kawża quddiem dik il-Qorti, jiġi deċiż, u dan sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn possibbilment ikun hemm żewġ deċiżjonijiet dwar l-istess mertu li jista' jagħti l-każ li jkunu jopponu l' xulxin, sabiex jiġu evitati spejjeż mingħajr bżonn u għall-ekonomija tal-ġudizzju;**

**Illi minkejja li l-proċedura odjerna ġiet intavolata qabel dik il-proċedura quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, din it-talba għal soprasessjoni sakemm ikun deċiż ir-rikors sopraċitat, qiegħda ssir quddiem din il-Qorti stante li hija biss l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li jista' jkollha l-kompetenza li tisma ż-żewġ talbiet konnessi, kontestwalment.**

**2. Illi in rigward tal-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari sopraċitata, s-socjeta' esponenti qiegħda tiddikjara illi l-pretensjonijiet ta' Christian Debono huma infondati fil-fatt u fid-dritt;**

**Illi inter alia raġunijiet ulterjuri, dan jingħad stante li mhux talli Christian Debono ma pprovdiex is-servizz maqbul u mistenni minnu li jipprovdi, jew inkella talli ma kkunsinnax l-prodotti indikati lilu mis-soċjeta' esponenti lilha, iżda tali minħabba l-aġir u n-nuqqasijiet tiegħu, kkawża danni lis-soċjeta li jeċċedi it-tmintax -il elf Ewro;**

**3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjeż kontra Christian Debono."**

[2] Fol 19-22

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali ppreżentati:

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Johnaton Abela[3]
- għan-nom tal-intimata, mill-Avukati Dr. Zackariah Esmail u Dr. Matthew Paris[4],

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. F’din il-kawża r-rikorrent qed jitlob mill-intimata l-ħlas tal-bilanċ ta’ € 12,025.42 li jirrappreżenta l-prezz ta’ diversi uniformijiet u aċċessorji mibjugħa/mikrija lilha. Min-naħa tagħha l-kumpanija intimata tgħid li mhux talli m’għandha tagħti xejn, iżda talli għanda tieħu mir-rikorrent kumpens fis-somma ta’ aktar minn € 18,000 għal danni li hija sofriet billi r-rikorrent ma kkonsenjax l-prodotti indikati lilu minnha jew ma pprovdiex is-servizz maqbul u li kien mistenni li jipprovdi. F’dan ir-rigward l-intimata fetħet kawża kontra r-rikorrent fil-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili (Kawża Numru 776/2020 MS, hawn magħrufa ukoll bħala “l-kawża l-oħra”) xi xahrejn wara li r-rikorrent fetaħ il-kawża odjerna. Kien għalhekk li preliminarjament l-intimata talbet *per via d’eccezione* illi din il-Qorti tissoprasessjedi temporanjament sakemm jiġi deċiż rikors quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili *“għar-ripeskaġġ”* tal-kawża odjerna quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tinstema’ mill-istess Qorti.

2. Fl-atti tal-kawża l-oħra filfatt kienet saret talba mhux biss għal *lis alibi pendens* iżda anke għas-soprasessjoni tal-kawża odjerna.

3. Il-Qorti ddegretat illi m’hijiex ser tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata qabel ma tippronunzja ruħha l-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fuq tali rikors.

4. Ir-rikors imsemmi għal *lis alibi pendens* u soprasessjoni ġie miċħud mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta’ digriet mogħti fil-11 ta’ Jannar 2021 billi fil-fehma ta’ dik il-Qorti apparti li ma jirriżultawx l-estremi għall-applikazzjoni tal-Art. 792 tal-Kap. 12 (stante illi din il-kawża titratta talba għal kanonizzazzjoni ta’ kreditu filwaqt li l-

[3] Fol 240-245
[4] Fol 246-253

kawża l-oħra titratta talba għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni), it-talba għas-soprasessjoni ta' din il-kawża ma kienetx taqa' taħt il-kompetenza ta' dik il-Qorti.[5]

5. Il-Qorti tqis li t-talba għas-soprasessjoni *per via d'eccezione* saret sabiex din il-Qorti tissoprassjedi **sakemm jiġi deċiż ir-rikors sopraċitat**. L-ewwel seduta wara li ġiet intavolata r-risposta mill-intimata saret fit-18 ta' Jannar 2021 meta dakinhar il-Qorti ħasset li jkun xieraq li tistenna lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tippronunzja ruħha fuq ir-rikors. Filfatt għal xi raġuni dakinhar l-partijiet ma kienux infurmaw lill-Qorti illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet tat id-digriet tagħha ġimgħa qabel, ossia fil-11 ta' Jannar 2021. Fis-seduta ta' wara, ossia dik tat-3 ta' Mejju 2021, il-Qorti ingħatat kopja tad-digriet u minn dakinhar 'l quddiem il-kawża tħalliet għall-provi tal-partijiet. Effettivament allura l-eċċezzjoni ġiet sorvolata u mietet mewta naturali u għalhekk il-Qorti astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni tagħha.

6. Il-kawża l-oħra ġiet deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 2024 b'eżitu favorevoli għar-rikorrent (billi ċaħdet it-talbiet tal-intimata *qua* rikorrenti). Madanakollu din ġiet appellata u għalhekk għad m'hijiex *res judicata.*

**Provi**

7. Fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021 ġie ppreżentat affidavit dettaljatissimu mir-rikorrent **Christian Debono**[6] ossia l-operatur tan-negozju bl-isem ta' Victory Costumes, li jimporta, jimmanifattura, ibiegħ u jikri kostumi:

    a. Huwa spjega kif f' Ġunju tas-sena 2019 kien avviċinah supplier bl-isem ta' *Lock Stock and Barrel* li talbu *quotation* għan-nom tal-kumpanija intimata u dan sabiex jipprovdilha diversi kostumi biex jintużaw fuq sett tal-*films*. Il-kostumi li riedet kienu dawk ta' suldati u pulizija f'perijodu partikolari u għalhekk ir-rikorrent kien għamel ir-riċerka neċessarja sabiex ikun ċert li dawn kienu ikunu awtentiċi. F'dan ir-rigward ir-rikorrent qal li ma kien hemm l-ebda *military advisor* sabiex jigwidah.

    b. Huwa kien għadda *sample* lill-produzzjoni tal-film u kien hemm qbil dwar il-prezz u l-kostumi li kien se jissupplixxi. Huwa għalhekk talab depożitu liema depożitu huwa rċieva fit-2 ta' Lulju 2019 fl-ammont ta' €8,474.58 + VAT

[5] Fol 27
[6] Fol 30

tramite *Lock, Stock and Barrel* u għalhekk seta' jibda jordna l-materjal neċessarju. Spjega kif kienu ftehmu li l-**kirja** tal-uniformijiet kellha tkun mill-4 ta' Settembru 2019 sa' tmiem il-filming f'nofs Ottubru 2019 iżda dawn nġabru bejn l-1 ta' Novembru 2019 u l-25 ta' Novembru 2019. Inoltre r-rikorrent seta' jiġbor l-aħħar oġġetti mikrija fil-25 ta' Novembru 2019 meta l-ftehim kien illi jinġabru lejn nofs Ottubru 2019 meta jispiċċa l-*filming.*

c. Qal li meta saret l-ordni huwa kien qalilhom li l-uniformijiet ma kienux *in stock* u riedu jinħadmu mis-suppliers barranin tiegħu. F'Lulju 2019 Sefora Mannino kienet ikkonfermat il-qisien tal-uniformijiet tal-atturi prinċipali u tal-extras permezz ta' email.[7]

d. Ġara li fit-2 ta' Awissu 2019 ġiet msejjħa laqgħa mal-*producers* fejn dawn introduċew lil ċertu Colin Micallef bħala l-*military advisor* tagħhom. Dan talab lir-rikorrent *sample* tal-uniformijiet tas-suldati, liema uniformijiet kienu diġà qed jinħadmu stante illi kien ilu li bdiehom xahar qabel. Micallef ried li l-materjal jiġi approvat minnu u għalhekk ir-rikorrent kellu jwaqqaf ix-xogħol għal ġimagħtejn sabiex jinħadem sett minn kull uniformi u jintbagħatu lir-rikorrent b'courier.

e. Dawn waslu fl-14 ta' Awissu 2019 u r-rikorrent iltaqa' ma' Colin Micallef u Stephen Petroni (sid l-azjenda *Lock, Stock and Barrel)* sabiex jiġu diskussi. Qal li kienu ġew mitluba xi tibdiliet żgħar iżda l-preokkupazzjoni prinċipali kienet li s-*suppliers* kienu qed jużaw drapp differenti minn xulxin u Micallef ma xtaqx dan. Fis-16 ta' Awissu 2019 huwa għalhekk ntalab sabiex jerġa jaħdem terz tal-uniformijiet mis-*supplier* l-ieħor sabiex dawn ikunu jidhru l-istess. Huwa kien qalilhom li l-varjazzjoni kienet normali u tindika aktar awtentiċita' , u apparti kollox din it-talba kien ser tpoġġi l-proġett f'riskju ta' dewmien. Inoltre qalilhom li ma kienx hemm materjal biżżejjed għall-ammont ġdid ta' uniformijiet u għalhekk kien ser ikollu jinstab materjal viċin ta' dak li xtaqu biex l-uniformijiet jitlestew minn *supplier* wieħed u ma jkunx hemm daqstant diskrepanza fil-kuluri.

[7] Dok A1, A2 u Dok B - Fol 35-39

f. Fis 26 ta' Awissu 2019 ġie msejjaħ għal laqgħa oħra flimkien mal-*producers* (Aaron Briffa, Pedja Miletic u Jean Pierre Magro), *co-producer* (Sefora Mannino), *military advisor* (Colin Micallef), direttur (Davide Ferrario), *historical advisor* (Stephen Petroni), *military coordinator* (RSM Roger Mulvaney) u *costume designer* (Giulia Orsi) fejn dakinhar huwa urihom sett ta' uniformijiet ta' pulizija, suldat u fizzjal. Huwa ppreżenta l-materjal u l-*pattern* tal-uniformijiet u dawn ġew ikkonfermati mill-kumpanija intimata u d-*designer* tagħha. Huwa kien għalhekk ikkonferma mal-ħajjat li setgħu jiġu ffinalizzati u mibgħuta fil-ħin.

g. Spjega li f'laqgħa li saret fit-2 ta' Settembru 2019 ma' Aaron Briffa, John Debono u Jean Pierre Magro kien ġie miftiehem illi għax-xogħol ta' riċerka fuq l-uniformijiet u għall-kiri tal-uniformijiet huwa kellu jirċievi l-ħlas tas-somma ta' € 29,000 (VAT eskluż) fi tlett pagamenti li kellhom isiru mhux aktar tard minn nofs Ottubru 2019[8]. Inoltre kellu jirċievi ukoll l-uniformijiet li kienu inkrew (flimkien mal-aċċessorji u *spares* mogħtija minnu) għajr għal tnejn li kienu ser jinżammu mill-*producers* għall-kollezzjoni privata tagħhom (senjatament dawk l-uniformijiet li kienu ser jintużaw mill-atturi prinċipali Harvey Keitel u Malcolm McDowell). Inoltre kellu jirċievi ukoll ċertifikati mill-produzzjoni rigward l-awtentiċita' tal-uniformijiet u dan bħala investiment għalih sabiex ikun jista' jbigħhom bħala *collectibles*.

h. Kif mitiehem[9], huwa kkonsenja l-kostumi sal-4 ta' Settembru 2019 u dan sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-*wardrobe team* tal-intimata sabiex jiċċekkjawhom u jippreparawhom qabel ma jsiru l-*fittings* tal-atturi u tal-*extra*. L-atturi prinċipali kellhom jaslu Malta fil-11 ta' Settembru 2019.

i. Fil-mument tal-konsenja induna li kien hemm ħafna *extras* li kienu rqaq għall-uniformijiet in kwistjoni u li l-*wardrobe team* ma kienx infurmat sew mill-*military advisor* kif għandu jlibbes l-uniformijiet lil dawn l-*extras*. Għalhekk huwa kien personalment qatta siegħat twal jgħinhom fejn saħansitra offrielhom *braces* għall-qliezet (sabiex jintlibsu kif suppost in konformità

[8] Dok C a fol 40
[9] Dok D a fol 41

mar-riċerka li kien għamel) u għenhom jimmuntaw b'mod korrett l-*insignia* (għax ma kienux jafu kif).

j. Meta waslu l-atturi prinċipali Malta, huwa rċieva telefonata li l-kostumi tagħhom ma kinux ġewhom tajjeb. Meta mar fuq il-post (Westin Dragonara Resort) biex jara x'kienet il-problema nfurmawh li kienu diġà ordnaw uniformijiet minn *supplier* ieħor u dan mingħajr ma tawh ċans jara x'kien l-iżball sabiex jipprova jirranġah, dejjem kieku rriżulta li kien żball tiegħu.

k. Huwa talab għal diversi drabi li jingħatawlu l-qisien tal-atturi prinċipali sabiex ikun jista' iqabbilhom ma dawk li kien ingħata mill-intimata, iżda dawn qatt ma ngħatawlu ħlief għall-qisien tal-attur Malcolm McDowell[10] u f'dan ir-rigward irriżultalu li kien hemm diskrepanza bejn il-qisien li kienu ngħatawlu f'Lulju għal dawk li tkejjlu f'Settembru[11].

l. Fil-25 ta' Ottubru 2019 wara li kien spiċċa l-*filming* ġiet msejjħa laqgħa oħra ma' Jean Pierre Magro, Aaron Briffa u Sefora Mannino. Dawn tawh rapport li għamlu l-*wardrobe team* b'lista ta' problemi li kienu sabu huma fosthom (i) il-qisien ta' xi uħud mill-kostumi tal-atturi prinċipali ma kienux korretti, (ii) l-uniformijiet iċċaraw bil-ħasil, u (iii) l-uniformijiet tas-suldati ma kinux maħdumin b'materjal tajjeb[12].

m. Spjega kif dakinhar Aaron Briffa kien talbu f'isem il-produzzjoni sabiex jara dan ir-rapport sew u jagħmel kontro-rapport sal-ġimgħa ta' wara sabiex il-*producers* jitkellmu mal-bord tal-film bl-għan li jintlaħaq ftehim. Waqt il-laqgħa Jean Pierre Magro sostna li xtaq li jsir *colour correction* tal-film.

n. Ir-rapport tar-rikorrent ġie ppreżentat fl-1 ta' Novembru 2019[13] f'laqgħa oħra fejn kien hemm preżenti Pedja Miletic u Aaron Briffa. Miletic mill-ewwel kien wera ruħu dispost illi tinstab soluzzjoni mill-aktar fis għaliex skond hu l-produzzjoni riedet tkellem lir-rikorrent dwar film ieħor li kien qed jiġi ppjanat. Huwa dar ir-rapport magħhom u urihom ritratti u dokumenti dwar

---

[10] Dok E a fol 42
[11] Minn 38 pulzier għal 45½ pulzier mis-sider u minn 38½ pulzier għal 41½ pulzier mill-qadd
[12] Dok F a fol 43-48
[13] Dok G a fol 49-63

uniformijiet militari tal-epoka in kwistjoni li kien ġabar matul ir-riċerka vasta li kien għamel. Skond ir-rikorrent dawn juru li l-uniformijiet tal-epoka in kwistjoni kienu jvarjaw mhux ftit inkluż fil-kulur u li għalhekk l-kostumi li kien krielhom kienu awtentiċi u korretti. Skond ir-rikorrent Miletic stqarr illi fiċ-ċirkustanzi allura seta' ma jkunx hemm il-bżonn li jsir *colour correction* tal-film.

o. Matul il-laqgħa Miletic tkellem ma Briffa li kellu jsir xi forma ta' ħlas lir-rikorrent mill-aktar fis bħala turija ta' rieda tajba mill-produzzjoni. Dan il-pagament però baqa' qatt ma sar. Minkejja li sussegwentement prova jsaqsi bit-telefon/SMS lill-istess Miletic u Briffa għal *updates* rigward ir-rapport li kien għaddielhom u l-pagamenti mwiegħda lilu, dawn bdew jevitawh.

p. Fil-bidu ta' Novembru 2019 ir-rikorrent iltaqa' ma' Sefora Mannino ġewwa l-*istores* f'Bulebel biex jiġbor l-uniformijiet u l-affarijiet l-oħra li kien kera lil produzzjoni. Huwa qalilha li wara li jitħallas kien ser jgħaddilhom lura l-uniformijiet tal-atturi prinċipali, kif kien miftiehem.  Hi qaltlu li dak kien rikatt biex jitħallas u Aaron Briffa qallu biex ma jiġbor xejn għaliex il-kwistjoni kienet ser tissolva fi ftit ġimgħat. Mannino qaltlu li sakemm jintħalaq qbil, l-uniformijiet kienu ser jinżammu ġewwa l-*istores* f'Bulebel. Ir-rikorrent qal li llum il-ġurnata ma jafx jekk l-uniformijiet għadhomx hemm.

q. Dakinhar li mar jiġbor l-uniformijiet ġie infurmat ukoll minn Aaron Briffa li l-produzzjoni xtaqet li żżomm uniformi oħra ta' attur prinċipali ieħor u għalhekk talbu jżid il-prezz tagħha mal-*invoice* li r-rikorrent kien għad baqalu joħroġ għal dawk l-uniformijiet li tqattgħu jew ġarrbu ħsarat waqt il-*filming* u għall-aċċessorji oħra li ġew nieqsa jew li tkissru.

r. Fis-6 ta' Diċembru 2019 ġiet msejjħa laqgħa oħra ma' Jean Pierre Magro u Sefora Mannino fejn huma insistew li ma kinux se jsiru aktar pagamenti minħabba l-ħtieġa li jsir *colour correction* tal-film  li l-ispejjeż għalih ma kienux għadhom magħrufa. Huwa ġie muri l-*film* sabiex juruh id-differenza fil-kuluri tal-uniformijiet iżda ma seta' jara l-ebda differenza. Huma wegħduh li ser jibgħatulu filmat b'*resolution* aħjar u fuq talba tiegħu qalulu li ser jtuh informazzjoni dwar kif kienu nħaslu l-kostumi, li skond huma kienu ċċaraw

bil-ħasil. Infurmawh li kienu ser jerġgħu jkellmuh f'Jannar 2020.[14] Fl-istess laqgħa Mannino kkonfermat li l-kaxex bil-kostumi tal-atturi prinċipali ma kienux infetħu qabel il-wasla tal-atturi sabiex jiġu ċċekkjati u dan minħabba pressjoni ta' xogħol.

s. Minħabba li baqa' ma sema xejn mingħandhom ir-rikorrent kellu jirreferi l-kwistjoni lill-avukati tiegħu li bagħtu ittra bonarja f'Jannar 2021 (sic![15]) u ppreżentaw ittra uffiċjali fi Frar 2021 (sic!). F'Marzu 2021 (sic!) irċieva *email* mingħand Mannino f'isem il-produzzjoni b'talba sabiex isellifhom xi żraben sabiex ikunu jistgħu jintużaw f'xogħol ta' *post-production.* Ir-rikorrent aġevolahom u bagħtilhom ukoll kopja tal-ittra uffiċjali li kienet ġiet ippreżentata l-Qorti.[16].

t. F'Mejju 2021 (sic!), fi stadju meta l-kawża kienet ġa nfetħet, il-*producers* avviċinawh biex jattendi laqgħa bl-għan li tiġi riżolta l-vertenza. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti Jean Pierre Magro u Aaron Briffa. Skond ir-rikorrent huwa ġie offrut is-somma ta' € 7,500 a saldu iżda huwa rrifjutaha għal iżjed minn raġuni waħda. Fi kliem ir-rikorrent, ma ġiex spjegat lilu kif waslu għal din is-somma, kellu jidħol fi spejjeż legali inutli u inoltre kien skadilu ż-żmien sabiex jagħmel *claim* għal kumpens mas-*suppliers* barranin tiegħu.

u. Huwa għamel kontro-proposta fis-sens illi jitħallas l-ammont kollu mitlub minnu iżda ma joħroġx l-*invoice* ulterjuri għall-ħsarat fil-kostumi li għad jrid joħroġ. Din il-proposta ma ġietx milqugħa. Huwa għalhekk ikkonferma li l-bilanċ dovut għadu dak ta' € 12,025.42 eskluż il-VAT.

8. In kontroeżami[17] r-rikorrent **Christian Debono** *inter alia:*

a. Ikkonferma li l-inkarigu li ngħata kien li jipprovdi uniformijiet għall-film prodott mill-intimata u mhux għal xi *re-enactment*.

---

[14] Dok H a fol 64-65
[15] Is-sena kienet 2020 mhux 2021, kif erronjament indikat
[16] Dok I a fol 66-70
[17] Fol 223-237. Bi qbil bejn il-partijiet u bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti dan il-kontroeżami kif ukoll il-kontroeżami ta' Giulia Orsi, Pedja Miletic, Sephora Mannino u Colin Micallef saru fl-atti tal-kawża l-oħra u ġew allegati bħala provi f'din il-kawża permezz ta' nota konġunta ppreżentata fid-19 ta' Frar 2024 a fol 173.

b. Spjega kif dan l-inkarigu ma kienx l-ewwel film tiegħu u li hu kien ilu jopera mis-sena 2008. Huwa qal li l-ewwel konversazzjoni li kellu mat-tim tal-film kien bit-telefon, senjatament mal-assistant producer Sefora Mannino meta kien qiegħed fil-ħanut *Lock, Stock and Barrel*.

c. Iltaqa' personalment mat-tim tal-produzzjoni wara li saret l-ordni u dan b'introduzzjoni ta' Stephen Petroni, is-sid tal-istess ħanut, fejn huwa kien qalilhom li kien se jissupplixxi l-uniformijet abbażi ta' riċerka li kien se jagħmel. Ċaħad però illi ppreżenta ruħu bħala espert. Sakemm saret l-ordni huwa ma kien jaf bl-ebda konsulent militari u kien biss **wara** li għamel ir-riċerka li daħal fix-xena il-konsulent militari Colin Micallef.

d. Qal li Colin Micallef kien tah xi ritratti ta' uniformijiet f'Awwissu 2019 wara li kienet saret l-ordni u meta tahomlu kien tard sabiex jakkommodah. Ċio nonostante ir-rikorrent qal li mill-affarijiet li kien talbu Colin Micallef huwa kien qdieh minn kollox.

e. Rigward ir-riċerka, huwa kien wera s-samples (li skond hu kienu riżultat tar-riċerka tiegħu) lil Stephen Petroni ta' *Lock, Stock and Barrel* li min-naħa tiegħu kien urihom lill-*Assistant Producer.* Qabel beda l-*filming* kien ukoll wera r-riċerka tiegħu personalment f'xi laqgħa li kienet saret.

f. Huwa ċaħad illi qabel ma saret l-ordni kien ġie spjegat lilu mit-tim tal-produzzjoni illi kellu joħroġ xi distakk bejn il-ħwejjeġ li jilbsu s-suldati u n-nies foqra. Tenna illi f'dak l-istadju ma kien ġie diskuss xejn miegħu u r-riċerka kienet saret minnu u minn Stephen Petroni ta' *Lock, Stock and Barrel.* Kien biss wara li tlestiet din ir-riċerka li kien daħal fix-xena Colin Micallef.

g. Meta waslet il-konsenja tal-uniformijiet f''Malta huwa kien ħa kampjun ta' tlett uniformijiet minn kull qies li kien hemm. Mistoqsi kif seta' allura jispjega l-fatt li l-uniformijiet ma kienux qagħdu sew fuq l-atturi (kien hemm min ġietu żgħira u kien hemm min ġietu kbira) huwa qal li ma setax jispjega dan għaliex qatt ma kien ingħata l-opportunita' li jara eżattament kif dawn il-kostumi kien ġew *fitted* fuq l-atturi. Lanqas ma kien tħalla jidħol fil-lukanda fejn kienu qegħdin. Huwa kien ġie infurmat b'din il-problema permezz ta' telefonata mill-*assistant producer.*

h. Meta talabhom il-qisien li kienu kejlu fiżikament fuq l-atturi, huwa ngħata biss ta' attur wieħed minn erbgħa u dawn il-qisien kienu totalment differenti minn dawk li kienu oriġinalment intbagħtulu.

i. Ikkjarifika li meta mar il-Westin Dragonara Hotel kien filfatt ra attur wieħed u li l-uniformi verament ma kienetx qed tiġih tajba.

j. Mitlub jikkonferma illi meta saret l-ordni huwa intalab li jipprovdi kostum komplut inkluż il-medalji huwa ċaħad dan. Spjega illi l-medalji jirrikjedu riċerka elaborata dwar il-karattru tal-persuna li tkun ħa tilbishom mentri l-inkarigu tiegħu kien li jissupplixxi l-uniformijiet tal-armata u tal-pulizija kif kienu fl-1919 b'mod ġenerali. Anqas biss kien ġie infurmat dwar il-karattri li kienu ser jieħdu sehem fil-*film.*

k. Spjega kif, peress li ż-żmien sabiex jissupplixxi l-uniformijiet kien qasir, huwa ddeċieda li jaħdem b'żewġ fornituri separati. Ir-rakkommandazzjoni tiegħu illi l-uniformijiet fl-epoka in kwistjoni kienu jvarjaw fil-materjal kienet xprunata mir-riċerka tiegħu li uriet ukoll illi l-uniformijiet kienu jkunu ta' gradi differenti ta' kulur. Rigward iż-żraben hu kien konvint li sas-sena 1918 is-suldati kienu jilbsu żraben kannella iżda lejn l-aħħar ta' dik is-sena kienet ħarġet ordni li jibdew jiġu manufatturati żraben suwed. Peress illi tali ordni ħadet iż-żmien biex tiġi implementata, irriżulta lir-rikorrent illi fiż-żmien li fih kienet ambjentata l-istorja, iż-żraben kienu kannella. Madanakollu Colin Micallef ried żraben suwed u dan minkejja li dawn kienu diġà bdew jinħadmu. Għalhekk intxtrat ġilda sewda u ż-żraben li ma kienux laħqu inħadmu, saru bil-ġilda kannella. Rigward il-*helmets* ma setax jagħti spjegazzjoni għall-allegazzjoni li dawn kienu inqasmu għaliex tiegħu filfatt kien għadu jużahom. Mil-lat ta' kulur huwa qal li l-*ewwel batch* kien inxtara *on the shelf* minn *warehouse.* It-tieni *batch* imbagħad kellu jinħadem ta' malajr minn *supplier* ieħor u huwa kien bagħat id-drapp li kellu tal-uniformijiet li kienu qed jinħadmu, lil tal-*helmets* sabiex iqabblu l-kulur. Huwa veru li kien hemm xi *helmets* li kienu kbar imma imbagħad kien suġġerit minn Colin Micallef li jinxtraw *pit helmets* minn *supplier* partikolari u huwa kien għamel hekk. B'riferenza għal ritratti ta' *helmets* li ġew esebiti huwa qal illi kien *helmet* wieħed biss li kien jidher kbir f'dawn ir-ritratti.

l. Mistoqsi kienx ġie infurmat li l-uniformijiet kienu nxtorbu u tilfu l-kulur wara li nħaslu (u mhux qabel ma ntlibsu) huwa kkonferma dan iżda tenna illi minkejja li kien talab lill-intimata għal informazzjoni f'dan ir-rigward, inkluż dwar kif kienu inħaslu, huwa baqa ma rċieva xejn. Huwa kien qallhom sabiex l-uniformijiet jinħaslu bl-istess mod kif jinħaslu l-*cottons.*

m. Mistoqsi kienx il-każ li l-mod kif ġew maħduma l-uniformijiet jagħmilha impossibbli li ssir alterazzjoni fuqhom, huwa ċaħad dan. Ikkonferma li meta nqalgħet il-problema, kienu staqsewh jekk għandux drapp żejjed iżda huwa ma kellux għaliex ħadd ma kien talbu għal drapp żejjed għal li jista' jinqala, peress li l-uniformijiet kienu *tailor made.*

n. Huwa qal li qatt ma kien irċieva xi proposta għall-ħlas qabel ma nfetħet il-kawża.

o. Mistoqsi fuq il-proċess tal-*colour correction* sabiex jitranġaw xi varjanzi li seta' kien hemm fil-kulur tal-uniformijiet huwa qal illi l-*producers* kienu qalulu li kienu qed jikkunsidraw dan il-proċess iżda kien biss meta nfetħet il-kawża l-oħra quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li sar jaf li l-proċess kien sar.

9. Fit-22 ta' Settembru 2021 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Stephen Petroni**[18], direttur tal-kumpanija LSB Malta Limited li tipprovdi servizzi ta' armerija fi produzzjonijiet tal-films:

a. Dan spjega li fit-2 ta' Mejju 2019 kienet avviċinatu Sefora Mannino dwar film bl-isem ta' "*Sette Giugno*" (magħruf ukoll bħala "Just Noise") fejn xtaqet *quotation* għall-kiri ta' armi u uniformijiet. Fit-22 ta' Mejju 2019 huwa pprovdilha informazzjoni dwar il-*budget* meħtieġ. Inoltre kellu laqgħa mar-rikorrent fejn talbu *quotation* kif ukoll sample tal-uniformijiet biex imbagħad din tintwera lil Sefora Mannino u lid-*designer* tal-*film*. Huwa għaddha din il-*quotation* lilha fit-30 ta' Mejju 2019 u għal ftit ta' żmien ix-xhud beda jaġixxi ta' *contact person* bejn Mannino u r-rikorrent. Imbagħad fl-1 ta' Lulju 2019 inħarġet *quotation* formali għal kiri ta' armi u uniformijiet lill-kumpanija

[18] Fol 73

intimata. Huwa rċieva depożitu ta' € 14,000 (inkluż il-VAT) mingħand il-*Malta Arts Council*.

b. Huwa qal li skond kif kien ftiehem mal-partijiet, huwa għadda € 10,000 (inkluż il-VAT) lir-rikorrent. Imbagħad fit-8 ta' Lulju 2019 huwa laqqa' lir-rikorrent ma' Sefora Mannino sabiex dawn jiftehmu fuq l-uniformijiet direttament bejniethom. Ix-xhud għen lir-rikorrent fix-xogħol ta' riċerka dwar l-uniformijiet fil-perjodu in kwistjoniu dan għaliex il-produzzjoni ma kellha l-ebda *military advisor* f'dak l-istadju.

c. Huwa qal li sa fejn kien jaf hu, il-ftehim bejn ir-rikorrent u l-intimata kienet illi din tikri l-uniformijiet mingħandu abbażi ta' kampjuni sottomessi lilha u kkonfermati minnha umill-istess kumpanija u abbażi ta' qisien pprovduti minnha stess.

10. Ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Alfred Debono[19],** missier ir-rikorrent li għalkemm ma kienx parti mill-produzzjoni, kien però qed jassistih biex jiġbor lura l-uniformijiet mil-kumpanija intimata fil-bidu ta' Novembru 2019.

    a. Dan spjega li dakinhar li ried imur jiġbor l-uniformijiet Sefora Mannino ma riditx li dawn jingabru kollha għaliex apparentement kien hemm xi arranġament li r-rikorrent jħalli tlett uniformijiet tal-atturi prinċipali lill-produzzjoni.

    b. Qal li ibnu però kien insista li ser jiġborhom u li jirritorna lura dak li kien miftiehem malli jsir il-ħlas dovut lilu. Mannino ma kinitx aċċettat u ċemplet lil Aaron Briffa. Dan min-naħa tiegħu prova jikkonvinċi lir-rikorrent iħalli l-uniformijiet hemmhekk billi jserraħlu moħħu li kienu viċin li jilħqu ftehim miegħu rigward ħlas.

11. Fis-17 ta' Jannar 2022 xehdet **Claudia Diacono**[20] in rappreżentanza tal-Malta Business Registry bħala assistenta legali fi ħdan id-dipartiment legali tar-Reġistratur tal-Kumpaniji;

---

[19] Fol 74
[20] Fol 76A-B

a. Ix-xhud ippreżentat il-fajl kollu tal-kumpanija intimata Just Noise Limited li għandha n-numru ta’ reġistrazzjoni C92108, inkluż l-accounts u l-*annual returns*[21].

b. Spjegat li fis-sena 2019 l-uffiċjali tal-kumpanija intimata kienu Mario Azzopardi, Jean Pierre Magro, Albert Marshall u Pedja Miletic kemm bħala diretturi kif ukoll bħala rappreżentanti ġudizzjarji u legali.

c. Mill-*Memorandum and Articles of Association* esebiti mix-xhud jirriżulta ukoll illi l-azzjonisti kienu żewġ kumpaniji ossia Arts Council Malta u Juggernaut Limited.

12. Fl-istess ġurnata ġie ppreżentat l-affidavit ta’ **Giulia Orsi**[22]:

a. Din kienet tokkupa l-kariga ta’ *Head of Wardrobe Department* fir-rigward tal-produzzjoni “Just Noise”.

b. Xogħolha kien li tieħu ħsieb il-kostumi tal-karattri ta’ nies komuni u *extras* kif ukoll li tagħmel alterazzjoni minuri fl-uniformijiet. Il-problemi bdew fl-ewwel *fitting* tal-attur Harvey Keitel għaliex l-uniformi tiegħu kellha disinn u qisien ħżiena. Huma mill-ewwel qabblu l-qisien ma’ dawk li l-produzzjoni kienet bagħtet lir-rikorrent u raw li kien hemm diskrepanza kbira. Qalet li s-Sur Keitel kien qalla li kien jidher redikolu għaliex il komma tal-qmis kienet qasira u l-għonq kien dejjaq, filwaqt li qalziet kien wiesa ħafna. Qalet li s-Sur Keitel tant kien inkwietat bil-kostum li l-għada kien reġa kellimha u kellmitha anki l-assistenta tiegħu.

c. Ix-xhud qalet li waħda mill-ħajjata tagħha għamlet lejl tirranġa l-uniformi u xorta waħda ma ġietx tajba fit-tieni fitting u għalhekk kellhom ikomplu jirranġaw fiha. Kellhom ukoll jirranġaw tlett uniformijiet mill-bidu. Sfortunatament ma kellhomx materjal biżżejjed għaliex ir-rikorrent ma kienx ordna drapp żejjed, xi ħaġa li skond ix-xhud turi n-nuqqas ta’ esperjenza tar-

[21] Fol 77-114
[22] Fol 116

rikorrent f'dan il-qasam billi huwa importanti li f'dan ir-rigward jiġi ordnat drapp żejjed għal li jista' jinqala.

d. Xehdet ukoll fuq il-kostum tal-attur Malcolm McDowell fejn qalet li l-ġakketta kienet sebà pulzieri iżgħar u għalkemm il-qalziet kien tajjeb mill-qadd, kien twil u wiesa żżejjed. Iċ-ċintorin li ingħataw kien ukoll issikkat iżżejjed tant li l-attur kien skomdu. Meta kellmet lir-rikorrent dwar dan huwa qalilha li sab ħajjat li seta' jirranġa kollox u qalilha biex ittih l-uniformijiet l-oħra li ma kinux qegħdin jintużaw ħalli jkun jista' jieħu u juża l-materjal tagħhom. Għalhekk l-uniformijiet spiċċaw b'kuluri differenti u materjal differenti. Minkejja dan ix-xogħol li sar fuqhom l-ġakketta xorta waħda kienet kbira wisq. Ir-rikorrent prova jiġġustifika ruħu billi qalilha li hi kienet tagħtu qisien ħżiena u materjal ħażin, xi ħaġa li x-xhud qalet li assolutament ma kienx veru. Dawn il-problemi irriżultaw ukoll fl-uniformijiet tal-atturi Benedick Blythe u William Belchamber u l-ħajjata kellhom jirranġawhom .

e. Spjegat kif il-materjal li ġie użat kien ta' kwalità inferjuri ħafna tant li l-uniformijiet kienu qishom trasparenti. Inoltre il-qomos ħolqu problema fil-kwalità tal-ħoss tal-produzzjoni minħabba dak li jissejjaħ *"crisping"*. Il-buttuni tal-qomos kienu żgħar ħafna u bdew itiru appena jieħdu nifs l-atturi – dawn riedu kollha jissewwew u għalhekk kien inħela ħafna ħin.

f. Qalet li ma kienx hemm indikazzjoni fuq il-kostumi ta' kif kellhom jinħaslu. Ir-rikorrent kien qalilhom biss illi l-materjal huwa 100% qoton u kien għalhekk li ħasluhom f'temperatura kiesħa (mingħajr *spin)* u ħallewhom jinxfu. Madanakollu dawn xorta waħda inxtorbu bil-ħasil. Qalet li l-uniformijiet kienu jidhru jleqqu u ġodda u għalhekk iktar kienu addatati għal xi *re-enactment* milli għal *film.*

g. Xehdet kif kellhom jordnaw erba' settijiet mill-Emirati Arab Maqgħuda, u peress li rieduhom malajr, kellhom iħallsu iktar biex il-posta tasal fil-pront. Sadanittant però peress illi ż-żmien kien qed jagħfas, xorta waħda kellhom jużaw l-uniformijiet li kellhom u biex jagħmlu hekk kellhom ibiddlu xi xeni biex jaħbu d-difetti fil-kostumi. Qalet ukoll li kien hemm persuna li sellifha uniformi li kienet *historically correct* sabiex sabiex seta' jsir il-filming tax-xeni tal-attur Keitel.

h. Skond ix-xhud, ir-rikorrent inoltre naqas milli jipprovdilhom ċertu *insignia* u kellhom iġibuhom minn x’imkien ieħor. Naqas ukoll milli jipprovdilhom żraben suwed hekk kif xtaqu, u l-*helmets* li ngħataw la kellhom kulur tajjeb u lanqas id-daqs miftiehem. Il-materjal tagħhom ma kienx ta’ kwalità’ tajba għaliex inkissru waqt il-*filming* u dan seħħ waqt xeni fejn l-atturi kienu qegħdin sempliċiment qed jimxu.

i. Ix-xhud spjegat ukoll kif kellhom problemi simili bl-uniformijiet tal-pulizija tant li l-ħajjata tagħha kellhom jagħmlu xi xogħol fuqhom ukoll.

j. Sostniet li r-rikorrent ma kellux esperjenza u bħala riżultat tan-negliġenza tiegħu il-produzzjoni spiċċat biex issofri d-danni.

13. L-istess **<u>Giulia Orsi</u>** xehdet in kontroeżami fis-seduta tal-14 ta’ Frar 2022 fl-atti tal-kawża l-oħra[23]:

a. Hija qalet li kienet taħdem fuq bażi *freelance* bħala *costume designer* u għal din il-produzzjoni kienet ingħatat kuntratt mill-kumpanija intimata għaż-żmien li fih kienet ser issir il-produzzjoni.

b. Hija kellha l-kariga ta’ *Head of Department* tal-*Costumes Department* u qalet li kienet l-ewwel esperjenza tagħha f’dan ir-rwol u anki li taħdem f’film ta’ tali portata.

c. Qalet li kienet il-produzzjoni li ordnat il-kostumi u kienu qalulha li kienu sabu fornitur lokali sabiex jagħmilhom u li hi kellha tagħmel biss xi alterazzjonijiet. Xogħolha kien li tieħu ħsieb il-kostumi tan-nies pajżana u għalhekk hija kienet studjat it-tradizzjoni Maltija u dak li kienu jilbsu l-Maltin fiż-żmien partikolari, kemm bħala kulur u kemm bħala stil.

d. Spjegat kif l-istruzzjonijiet li ingħatat hi kienu li l-uniformijiet kien qed jieħu ħsiebhom ħaddieħor u li hi kellha tara jekk l-atturi kellhomx bżonn xi tibdiliet żgħar. Qalet li l-konsulent storiku kien hemm mil-bidu għaliex meta daħlet hi, fl-aħħar ta’ Awwissu 2019, kulħadd kien stabbilit fir-rwol tiegħu. Mistoqsija

[23] Fol 148-160

jekk mir-riċerka li kienet għamlet kienx irriżultalha li l-uniformijiet ma kienux ikunu l-istess kulur fl-epoka in kwistjoni hija wieġbet li dik ma kienitx l-ispeċjalizzazzjoni tagħha u li hi ffukat minflok fuq kostumi pajżana.

e. Spjegat li l-attur Harvey Keitel kien qalilha li l-uniformi kienet qed iġġibu jidher "*goofy and ridiculous*". Hija setgħet tara d-difetti fil-kostum tiegħu minkejja li ma kienitx ħadet ħsiebhom hi. Rigward il-forma din ukoll kienet żbaljata. Rigward qisien ħżiena hija kienet staqsiet lil Colin Micallef jibgħatilha l-qisien li kienet tatu l-produzzjoni.

f. L-uniformi li użaw għall-prova kienet kompletament skorretta u kienet Liliana Fenech li ppruvat tirranġaha billi kellha tagħmel ġakketta ġdida għall-uniformijiet billi żżarma dik provduta u toħloq oħra. L-uniformijiet tal-erba' karattri prinċipali kollha kellhom problema.  Kien hemm total ta' 15-il uniformi u kollha kellhom il-problemi. Mistoqsija dwar il-qisien li ingħatat mill-produzzjoni spjegat li hija ma kelliex kopja ta' dawn. Lanqas ma kienet taf li r-rikorrent kien talab lill-intimata ttih informazzjoni dwar kif kienu inħaslu l-uniformijiet.

g. Spjegat li kienet rat l-uniformijiet kemm qabel u kemm wara l-ħasil. Peress illi fuq il-ħwejjeġ ma kienx hemm indikazzjoni ta' kif għandhom jinħaslu, ħasluhom f'ilma kiesaħ, mingħajr ma spjinjawahom u dendluhom biex jinxfu. Madanakollu l-uniformijiet xorta nxtorbu.

h. Ftakret kif l-uniformijiet kienu waslu l-*warehouse* ftit jiem qabel ma waslu l-atturi prinċipali. Meta waslu ħadd ma kejjilhom u skoprew bil-problemi mal-ewwel prova tas-Sur Keitel fejn imbagħad marret tivverifika l-uniformijiet l-oħraj u infurmat lil Sefora Mannino dwar il-problemi li kienet sabet.

i. Mistoqsija kienitx taf jekk il-medalji u ż-żigarelli kinux inklużi fl-ordni tal-uniformijiet hi qalet li l-ordni ma kienitx kompitu tagħha, però kellha tagħmel ħafna żigarelli f'24 siegħa għaliex kien se jkollhom problema mal-attur prinċipali.

14. Fis-17 ta' Jannar 2022 ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Sefora Mannino**[24]:

a. Fl-2019 hija kienet l-assistent tad-direttur tal-kumpanija intimata, Jean Pierre Magro. Xogħolha kien li tagħmel ir-riċerka neċessarja dwar kostumi u props li kienu se jintużaw fil-produzzjoni u ġġib l-istimi mingħand il-fornituri.

b. Hija kienet tkellmet ma' Stephen Petroni ta' *Lock Stock and Barrel* li qalilha li seta' jipprovdi uniformijiet u armi (props) u dan b'metikolożita' kbira. Kien bagħtilha xi ritratti iżda ma kienx għaddilha kampjuni minkejja li dawn kienu ġew mitluba. Madanakollu s-superjuri tagħha talbuha biex tipproċedi miegħu peress illi ż-żmien kien qed jagħfas.

c. Fl-ewwel laqgħa li kellhom, Petroni kien introduċiha mar-rikorrent u qalilha li kien se jieħu ħsieb li jforni l-kostumi *"from head to toe"*. Aċċertaha ukoll illi dan kien ser iforni uniformijiet ta' kwalita għolja li jkollhom ċertu dettal. Hija għalhekk ikkonfermat l-ordni. Petroni talab l-ħlas immedjat ta' € 14,000 bħala depożitu. Iktar tard dan qalilhom illi minnhom huwa għadda € 10,000 lir-rikorrent.

d. Spjegat li Colin Micallef kien ċemplilha biex jgħidilha li r-rikorrent ma kienx qiegħed jakkwista drapp adegwat u għalhekk għamlet kuntatt mar-rikorrent fejn saret taf li dan kien xtara materjal mingħand fornituri differenti u għalhekk kellhom kuluri differenti. F'dak l-istadju il-produzzjoni tal-uniformijiet kienet diġà bdiet. Ir-rikorrent qalilha li kienet prassi komuni tal-epoka li fih kien ambjentat il-film li l-kulur tal-materjal jkun differenti għaliex dan kien jinxtara minn postijiet differenti apparti li x-xemx setgħet tvarja l-kulur. Hi insistiet li riedet l-istess kulur fl-uniformijiet però saret taf li r-rikorrent xorta xtara mingħand fornituri differenti. Wieħed mill-fornituri ma aċċettax li jissupplixxi biss parti mill-uniformijiet iżda ppretenda li jforni uniformijiet sħaħ. Madanakollu dan ma setax jipprovdi l-kwantitatjiet li kellha bżonn il-produzzjoni u għalhekk ftit mill-uniformijiet inxtraw minn *supplier* u oħrajn inxtraw minn *supplier* ieħor. Għalhekk l-uniformijiet ma ġewx jaqblu.

---

[24] Fol 119-120

e. Qalet li minħabba f'hekk il-produzzjoni soffriet dewmien żejjed u dan għaliex l-uniformijiet waslu inqas minn ġimgħatejn qabel il-bidu tal-*filming* u sussegwentement riedu jitranġaw f'temp ta' inqas minn ġimgħa. Hija qalet li r-rikorrent prova jiġġustifika dan id-dewmien billi skond hu kienu damu biex jtuh il-qisien tal-atturi. Madanakollu sostniet li dan ma kienx minnu.

f. Inoltre r-rikorrent ma kienx pprovda il-mudell il-korrett lis-*suppliers* tiegħu u għalhekk il-kostumi ma kienux dawk li riedet il-produzzjoni. Spjegat kif Giulia Orsi kienet qaltilhom li l-kwalità tagħhom kienet medjokri tant li l-attur Keitel kien irrifjuta li jilbes il-kostum. Din is-sitwazzjoni kienet ser tiswa l-produzzjoni mal-€ 100,000 kuljum li kieku l-uniformi ma ġietx irranġata. L-aċċessorji ukoll kienu inadegwati u bdew jinkisru u minkejja li r-rikorrent ġab il-ġodda, dawn xorta reġgħu ma kienux tajbin tant illi kellhom jerġgħu jinxtraw mingħand ħaddieħor. Iż-żraben li pprovda ukoll ma kinux tajbin kemm fil-kwalità u kemm fil-kulur. F'dan ir-rigward qalet illi Colin Micallef kien diġà widdeb lir-rikorrent sabiex ma jġibx iż-żraben li kien se jġib minħabba li dawn ma kienux ta' kwalita tajba u kienu storikament inkorretti (peress li l-lazzijiet kellhom ikunu tal-ġilda). Minflok ma tah widen, ir-rikorrent ġab dawn iż-żraben li kellhom il-lazzijiet tagħhom li kienu iżjed jixbhu lil dawk taż-żraben tal-futbol!

g. Xehdet li l-kumpanija daħlet f'ħafna spejjeż żejda, kemm bħala kostumi u props u kemm mill-lat ta' ħaddiema li kellhom jaħdmu ħafna aktar inkluż sabiex isir il-*colour corrections* sabiex tiġi żgurata l-awtentiċita' tal-produzzjoni. Dan kollu kien minħabba n-negliġenza tar-rikorrent.

15. In kontroeżami l-istess **<u>Sefora Mannino</u>**[25] *inter alia* xehdet kif ġej:

a. Hija kkonfermat li kellha l-inkarigu li tagħmel riċerka dwar kostumi u props u li kienet hi li għamlet l-ordni tal-uniformijiet. Dwar ir-riċerka hija ppreċiżat illi xogħolha kien li ddur il-fornituri relattivi u mhux li tagħmel riċerka fir-rigward tal-istorja u kif kellhom ikunu l-uniformijiet.

---

[25] Fol 202-217

b. Qalet li hija kienet irċeviet struzzjonijiet mid-direttur tal-kumpanija intimata li wara li ppreżentatlu l-*quotation* kien qalilha biex tmexxi bl-ordni. Hija kkonfermat li din l-ordni kienet saret ma' *Lock, Stock and Barrel* u kienet hi ukoll li għaddiet l-ewwel pagament ta' € 14,000. Sa dak iż-żmien ma kienitx għada ltaqgħet mar-rikorrent Christian Debono.

c. Qalet li ma kellhiex għalfejn tagħti dettalji ta' kif kellhom ikunu l-uniformijiet mill-aspett storiku għaliex Stephen Petroni kien qalilhom li Christian Debono kien ser jieħu ħsieb itihom uniformijiet li kienu storikament korretti.

d. Qalet li ma tiftakarx eżatt meta kien daħal fix-xena il-*Military Consultant* Colin Micallef u ċioe jekk dan kienx preżenti qabel jew wara li saret l-ordni.

e. Mistoqsija rigward l-iskambju ta' emails datati 6 ta' Awissu 2019 bejnha, Stephen Petroni u Christian Debono fejn Debono intalab iwaqqaf il-manifattura tal-uniformijiet hija qablet li hekk kien filfatt ġara u li huma kienu qablu li d-data tal-konsenja kellha tkun mhux iktar tard mill-4 ta' Settembru 2019. Hija però ma ftakritx meta effettivament ġew ikkonsenjati l-uniformijiet u jekk dawn ġewx ikkonsenjati qabel id-data miftehma.

f. Mistoqsija jekk il-qisien li ittieħdu lill-attur Malcolm McDowell fuq il-post u il-qisien li hija kienet bagħtet lil Christian Debono kienux ivarjaw hija qalet li l-qisien ma kinux jaqblu. Ikkonfermat ukoll li rigward l-uniformijiet tal-extras ma kienux ngħatawx qisien lil Christian Debono. Ikkonfermat ukoll li hija qatt ma kienet ingħatat kampjuni tal-uniformijiet minn Petroni u allura ma kelliex ma xiex tqabbel iżda qalet ukoll illi huma setgħu jaraw id-diskrepanzi bejn uniformi u oħra illi kien għaddielhom ir-rikorrent.

g. Ikkonfermat illi l-uniformijiet kienu diġà bdew jinħadmu meta minn *samples* li rċevew indunaw illi kien hemm diskrepanzi fil-kulur bejn uniformi u oħra.

h. Qalet illi meta waslu l-uniformijiet huma kellhom jaċċettawhom għaliex kienu magħfusin biż-żmien.

i. Ikkonfermat li dak iż-żmien Christian Debono ma tħalliex jieħu lura l-uniformijiet u dawn tħallew ġo maħżen ġewwa Bulebel.

16. Fis-17 ta' Jannar 2022 ġie pprezentat ukoll l-affidavit ta' **Colin Micallef**[26]:

a. Dan kien inkarigat bħala konsulent militari fil-produzzjoni mill-kumpanija intimata u xogħolu kien li jiggwida lill-membri tal-produzzjoni dwar il-preċiżjoni tal-kostumi li kellhom jintużaw.

b. Huwa kien issuġġerixxa lil Christian Debono sabiex jixtri l-affarijiet meħtieġa minn kumpanija ġewwa l-Ingilterra jisimha *Soldier of Fortune* għaliex kien jaf li din kellha affarijiet awtentiċi ħafna li jintużaw għal *reenactments*. Christian Debono kien qallu però li din ma kellhiex id-daqsijiet li kellhom bżonn u għalhekk xtara l-kumplament tal-uniformijiet minn kumpanija fil-Pakistan.

c. Qal li l-attur Harvey Keitel irrifjuta li jilbes l-uniformi pprovduta lilu għaliex ma kienitx b'qisien tajba u għalhekk kellhom jordnaw uniformijiet oħra minn sit bl-isem ta' "Online Militaria (What Price Glory)", fejn intefqu ħafna spejjeż sabiex dawn setgħu jaslu mill-aktar fis.

d. Xehed illi kellu uniformi personali tiegħu li kien sellifha lil Harvey Keitel u li tranġat għall-qisien tiegħu sabiex ikun jista' jilbisha.

e. Aċċessorji bħal *medal ribbons* li kellu jforni Christian Debono ukoll ma ingħatawx lill-produzzjoni. B'hekk kellhom isiru lokalment. Qal li l-*helmets* provduti kienu kbar wisq u ż-żraben kellhom kulur b'ieħor, tant li kellhom jinżebgħu mill-ġdid.

f. Huwa esebixxa rapport li ħejja flimkien ma xi kollegi tiegħu, fuq talba tat-tim tal-produzzjoni, dwar il-problemi li kienu sabu fil-kostumi pprovduti mir-rikorrent.[27]

17. L-istess **Colin Micallef**[28] fil-kontroeżami tiegħu xehed fost affarijiet oħra kif ġej:

a. Huwa sostna illi huwa kien beda jiġi konsultat minn qabel ma saret l-ordni. Mistoqsi però jekk kienetx diġà saret l-ordni meta beda jitkellem mar-

[26] Fol 121
[27] Fol 122-127
[28] Fol 218-222

rikorrent, huwa qal li dik il-ħaġa ma kienx jidħol fiha. Huwa kkjarifika li huwa ma kienx jaf li kienet saret l-ordni u filfatt ma kien sema' xejn mill-kumpanija intimata wara li f'Jannar 2019 kien għadda *dossier* lill-*producers* (iżda mhux lir-rikorrent) dwar kif kellhom ikunu l-uniformijiet. Imbagħad kien xhur wara li ltaqa' mar-rikorrent f'laqgħa urġenti li kienet issejjħet.

b. Qal li huwa kollettur u li għandu 35 sena esperjenza fil-qasam tal-kollezzjoni tal-*militia* Ingliża ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa kien ġibed l-attenzjoni li d-disinn tal-uniformi ma' kienx kif suppost u lanqas il-kulur tagħhom.

c. B'referenza għal Dok A anness mal-affidavit tiegħu[29] huwa kkonferma li dak id-dokument kien ġie ppreparat wara li spiċċa l-filming. Rigward liema pit helmets kienu intużaw fil-filming huwa qal li ma kienx preżenti fuq is-sett u allura ma setax ikun jaf.

d. Mistoqsi rigward iż-żraben provduti huwa qal li dawn kienu inżebgħu f'kulur suwed.

e. Mistoqsi ma xiex kien qabbel l-uniformijiet meta fl-*affidavit* tiegħu qal li l-kwalità u l-qisien tagħhom kienu ħżiena huwa spjega illi bħala *pattern* u kulur huwa kien straħ fuq l-esperjenza tiegħu ta' kif kellhom ikunu l-uniformijiet sabiex ikunu awtentiċi. Dwar il-qisien huwa qatt ma kien ra xi qisien li allegatament ingħataw lir-rikorrent mal-ordni u għalhekk meta qal fl-*affidavit* tiegħu li kienu skorretti huwa kien qed jalludi għall-fatt illi l-uniformijiet li waslu ma kienux tajbin bħal daqs għall-atturi li riedu jilbsuhom.

f. Dwar l-ordni tal-*medal ribbons* li skond ma xehed fl-*affidavit* ma kienux ingħataw mir-rikorrent lill-produzzjoni, huwa kkonferma illi huwa qatt ma kien ra l-ordni b'għajnejh u ċioe jekk dawn kienux inklużi fl-ordni li saret.

18. Fis-17 ta' Jannar 2022 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **<u>Albert Marshall</u>**[30],

[29] Fol 123 et seq.
[30] Fol 128-129

a. Fiż-żmien in kwistjoni dan kien jokkupa l-kariga ta' Executive Chairman tal-Kunsill Malti għall-Arti. Huwa spjega li r-rwol tiegħu kien li jamministra l-kultura Maltija fuq livell nazzjonali.

b. Qal li sentejn ilu l-Kunsill flimkien mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali daħal fi proġett li l-għan tiegħu kien li jiċċelebra ċ-ċentinarju tas-Sette Giugno u dan permezz tal-produzzjoni ta' dokudrama. Jean Pierre Magro kien issottometta *script* u dan tant kien ta' kwalità għolja li ttieħdet id-deċiżjoni li li jsir film.

c. Qal li l-proġett inħadem taħt il-kappa ta' *public private partnership*, f'isem il-Ministeru u għalhekk il-Kunsill kien issieħeb ma' Juggernaut Limited u għal għan tal-film iffurmaw il-kumpanija intimata, Just Noise Limited. Iż-żewġ *executive producers* li ntgħażlu kienu hu u Mario Azzopardi u x-xhud stess. Kien involut ukoll is-Segretarju Parlamentari Johan Galea u dan peress li l-Kunsill kien jaqa' taħt is-segretarjat tal-Kultura, Ġustizzja u l-Gvern Lokali. Juggernaut Limited kienet rappreżentata minn Jean Pierre Magro u Pedja Miletic.

d. Ix-xhud kif ukoll Mario Azzopardi kien ikollhom diversi laqgħat ma' Jean Pierre Magro u Pedja Miletic sabiex ikunu jafu x' qed jiġri fil-produzzjoni, u dan minħabba li kien hemm investiment kbir tal-Kunsill. Qal li f'waħda minn dawn il-laqgħat, li seħħet proprju waqt il-ġbid tal-film, Jean Pierre Magro u Pedja Miletic infurmawh li kien hemm problemi fil-kostumi għaliex dawn ma nħadmux skond id-deskrizzjoni li kien taw il-*producers* fil-brief tagħhom lill-persuna in kwistjoni. Magro u Miletic nfurmawh ukoll illi kienu se jagħmlu tajjeb għall-iżbalji li kien hemm sabiex il-film ikun jista' jitkompla.

e. Wara li tlesta l-ġbid tal-film, huwa ġie infurmat b'sitwazzjoni li kienet inqalgħet fejn li l-attur Malcolm McDowell kien irrifjuta li jitla' fuq is-sett bil-kostum li kellu u għalhekk kien hemm bżonn urġenti li jiġu ordnati kostumi ġodda.

19. Fis-17 ta' Jannar 2022 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **<u>Johan Galea</u>**[31]

---

[31] Fol 130-131

a. Ir-rwol tiegħu kien ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u huwa kien ilu jokkupa din il-kariga sa minn Diċembru 2016. Il-Kunsill Malti għall-Arti kien jaqà taħt ir-responsabbiltà' ta' dan il-Ministeru.

b. Spjega kif il-Kunsilli kien daħal f'*partnership* mal-kumpanija Juggernaut Limited u flimkien dawn ikkreaw il-kumpanija Just Noise Limited. Bejn Diċembru 2018 u Jannar 2019 il-Kumitat Festi Nazzjonali ġietu l-ideja li jiċċelebra ċ-ċentinarju tas-*Sette Giugno* permezz ta' dokudrama. Saret sejħa pubblika u kien ġie magħżul Jean Pierre Magro sabiex jagħmel *script*. Meta raw dan is-*script* indunaw li kien hemm potenzjal qawwi li jiġi żviluppat film minnu. Minkejja li kien fadal biss sitt xhur sa' Ġunju xorta waħda ġie deċiż li jsir dan il-film.

c. Qabel ma beda l-produzzjoni kellu laqgħa ma' Jean Pierre Magro, Pedja Miletic u Aaron Briffa u hemmhekk ġie deċiż li parti mill-produzzjoni kellha tiġi ffinanzjata mill-Kunsill u parti minn Juggernaut Limited. Kien għalhekk li twaqqfet il-kumpanija intimata Just Noise Limited. Spjega li Jean Pierre Magro kellu script ta' potenzjal kbir u apparti hekk dan kellu esperjenza barra minn Malta f'dan il-qasam. Rigward Pedja Miletic kien ra dokumentarju tiegħu dwar Filfla li kien ta' kwalita' tajba ħafna u għalhekk serraħ rasu li l-proġett kien f'idejn tajba.

d. Qal li deċiżjonijet rigward infieq ta' flus ta' dan il-proġett kienu f'idejn il-kumpanija intimata u peress li dawn kienu parti minn fondi pubbliċi kien ikollu diversi laqgħat sabiex isewgi l-andament  tal-produzzjoni. Huwa sar jaf bil-problema tal-kostumi waqt waħda minn dawn il-laqgħat, fejn kienu qalulu li l-atturi Harvey Keitel u Malcolm McDowell ma riedux jidħlu fis-sett bil-kostumi li kienu ġew ppreżentati lilhom.

e. Huwa ġie infurmat minn Jean Pierre Magro u diretturi oħra li l-kostumi ma kienux adegwati u għalhekk kellhom jiġu ordnati oħrajn u kellu jsir *colour correction*, b'infieq ta' spejjeż ulterjuri.

20. Fis-17 ta' Jannar 2022 ġie ppreżentat l-affidavit **Mario Azzopardi**[32]:

a. Ir-rwol tiegħu kien dak ta' direttur tal-kultura fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali kif ukoll direttur tal-kumpanija intimata Just Noise Limited.

b. Spjega kif il-kumpanija ġiet iffurmata sabiex tieħu ħsieb il-produzzjoni miktuba minn Jean Pierre Magro u li xogħolu flimkien ma' Albert Marshall kien li jipprovdu finanzjament sabiex il-film iseħħ. Da parte ta' Juggernaut Limited kien hemm Jean Pierre Magro u Pedja Miletic bħala rappreżentanti involuti fil-produzzjoni tal-film. Flimkien kien ikollhom ħafna laqgħat sabiex jiġi diskuss il-progress tal-produzzjoni.

c. Qal li f'waħda minn dawn il-laqgħat huwa ġie infurmat li kien hemm problemi bil-kostumi u li għalhekk kellhom bżonn jordnawhom minn x'imkien ieħor b'ċertu urġenza għaliex l-atturi kienu diġà fi triqithom lejn Malta. Huwa spjega li fi proġetti bħal dawn ma jistax ikun hemm dewmien għaliex kull min kien involut fil-proġett kellu impenji oħra u seta' jkun hemm riskju li l-proġett jiġi abbandunat.

d. Ġie infurmat illi r-rikorrent Christian Debono ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi uniformijiet kif mitluba fil-ħin u li jkunu storikament korretti. Dan kien iffisser li l-produzzjoni kienet se titlef il-flus għaliex minkejja dak li kien ġara l-atturi xorta kienu jridu jħallsuhom, anke jekk jaħdmu inqas jew inkella addirittura ma jaħdmu xejn għax jitħassar il-film. Spjega li din kienet produzzjoni professjonali u għalhekk setgħet titlef l-attrazzjoni kummerċjali tagħha li kieku ntilef is-sehem tal-atturi in kwistjoni. Apparti hekk, wieħed ma jistax iħalli lil dawk involuti jistennew għaliex din turi nuqqas ta' professjonalità , xi ħaġa li tista' tirrifletti b'mod ikrah fuq isem pajjiżna.

21. Ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Pedja Miletic**[33], sid il-kumpanija bl-isem ta' Monolith Productions Limited:

[32] Fol 132-133
[33] Fol 134-135

a. Huwa qal li l-kumpanija tiegħu pprovdiet servizz ta' produzzjoni u post-produzzjoni għall-film *Just Noise* magħruf anke bħala *Blood on the Crown*.

b. Mill-lat ta' post-production huwa qal li kellhom jagħmlu *colour grading* tal-uniformijiet, xogħol li kien tekniku u metikoluż ħafna u li ħa fit-tul u dan għaliex l-uniformijiet tal-atturi kellhom kuluri differenti. Kull suldat kellu jiġi segwit permezz ta' proċess ta' *motion tracking*, li kien jinvolvi li r-ritratti tal-film kellhom jiġu *scanned* 24 darba għal kull sekonda tal-film. Il-proċess kien manwali ħafna u ħa diversi xhur għaliex kellhom jintgħażlu l-partijiet partikolari li kellhom jitranġaw f'kull xena tal-film.

c. L-ispejjeż żejda kienu sostanzjali għaliex kien hemm dilungar ta' tlett xhur sabiex jitlesta il-film. Il-*producers* kienu ċari magħhom li l-film kellu jidher awtentiku għaliex kien jitlef il-valur ekonomiku tiegħu. Dan il-proċess sewa lill-kumpanija intimata € 50,000 konsistenti f' € 32,000 għal *colour correction* u f'€ 18,500 għal *colour correction* addizzjonali li kien speċifiku għall-aġġustamenti tal-uniformijiet. F'dan ir-rigward ix-xhud esebixxa fattura li turi dawn l-ispejjeż[34].

22. In kontroeżami, l-istess **Pedja Miletic**[35] xehed *inter alia* kif ġej:

a. Huwa kkonferma li kien involut bħala *producer* u *post production manager* tal-proġett u li kien ukoll direttur u azzjonist (f'isem Juggernaut Limited) tal-kumpanija intimata u direttur u azzjonist uniku tal-kumpanija Monolith Productions Limited.

b. Spjega li l-kumpanija intimata kienet iffinanzjata b'mod privat u li l-maġġoranza tal-finanzjament kienet għajnuna mill-Gvern tramite *state aid*. Spjega kif għall-kumpanija intimata dan kien l-uniku proġett għaliex il-kumpanija ġiet imwaqqfa proprju għal dan l-għan.

---

[34] Fol 136

[35] Fol 187-201. Ix-xhud xehed darbtejn fl-atti tal-kawża l-oħra, ossia fis-seduta tal-14 ta' Frar 2022 u fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2023.

c. Ix-xhud ġie mistoqsi rigward l-invoice ta' Monolith Productions a fol 136 u kif din qatt ma' ġiet preżentata lil Christian Debono. Huwa ammetta li din il-fattura kienet ġiet ippreżentata l-ewwel darba f'dawn il-proċeduri (ossia fl-atti tal-kawża l-oħra li nfetħet quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili). Spjega kif il-proċess ta' *colour correction* dam seba' xhur fejn kull sekonda kienet tikkonsisti f' 24 *frame* u għalhekk kellhom jiġu segwiti u rranġati manwalment. Huma għamlu *colour correction* primarju li huwa intiż li joħloq bilanċ bejn l-istampi u għamlu ukoll dak sekondarju li huwa intiż sabiex jitranġaw l-irregolaritajiet. Fil-bidu l-editur kien jinkwadra għal xahrejn biss fil-baġit tal-proġett. Mistoqsi 'l għala fil-*film* xorta l-uniformijiet xorta jidhru differenti minn xulxin, huwa spjega li d-diskrepanza bejniethom tant kienet kbira illi ma setgħux jirrkonċiljaw id-differenza ta' kulur bejn l-uniformijiet.

d. Huwa ikkonferma li Monolith Productions Limited kienet tħallset għas-servizzi tagħha ta' *colour correction* mingħand l-intimata. Qal ukoll illi hija kienet diġà inkarigata bir-rwol ta' produzzjoni qabel ma inqalgħet din il-problema tal-*colour correction* u qal li kien hemm baġit ta' € 24,000 (inkluż problemi ta' kontinġenza) allokat għal dan. Il-ħsieb kien li jonfqu inqas mill-baġit akkordat kif kienu għamlu f'dipartimenti oħra. Huwa kkalkula li mis-somma ta' € 32,000, bejn € 18,000 u € 20,000 intrefqu minħabba n-negliġenza tar-rikorrent Christian Debono.

e. Mistoqsi dwar il-proċess tal-*colour correction* huwa kkonferma li waħda mill-akbar problemi kienet l-ġkieket ma kienux jaqblu u inoltre li dawn ma kienux jaqblu mal-qliezet. Il-produzzjoni kienet talbet il-korrezzjoni tal-kulur u dan sabiex l-uniformi jkunu storikament korretti.

f. Mistoqsi kienx talab lir-rikorrent jippreżenta rapport dwar it-tipi differenti ta' uniformijiet li kienu jintlibsu mill-armata Ingliża dak iż-żmien huwa qal li dan kien parti mill-inkarigu ta' Christian Debono.

23. Fis-17 ta' Jannar 2022 ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Aaron Briffa**[36] , wieħed mill-*producers* tal-kumpanija intimata Just Noise Limited:

---

[36] Fol 137-140

a. Xehed illi fis-sena 2019 hu u sħabu għamlu kuntatt ma' Stephen Petroni ta' *Lock, Stock and Barrel* sabiex jipprovdilhom armi u kostumi għall-*film*. Kienet ġiet organizzata laqgħa ma' Sefora Mannino u Colin Micallef fejn Petroni kien issuġġerixxa lir-rikorrent bħala espert fil-qasam tal-istorja Brittanika. Dan kien assigurahom mill-kwalita' għolja ta' kostumi li kien se jipprovdi.

b. Ix-xhud ikkonferma li l-*helmets* provduti mir-rikorrent kienu kbar ħafna, il-kostumi ma kienux tal-istess kulur  u d-daqs ma kienx tajjeb. Inoltre iż-żraben ma kienux tal-kulur mitlub. Spjega kif kien konvint li dawn l-uniformijiet ma kienux mixtrija minn kumpanija li tipproduċi uniformijiet tas-seklu għoxrin u li tirranġahom kienet xi ħaġa impossibbli.

c. Colin Micallef kien issuġġerixxa li jinxtraw kostumi ġodda minn barra li kellhom jiġu b'mod immedjat. Dawn però baqgħu ma waslux sal-ewwel ġurnata tal-filming. B'hekk f'dik il-ġurnata l-*filming* kien sar bl-uniformijiet li kellhom u għalhekk huma kienu jafu li kien ser ikun hemm bżonn ta' iżjed spejjeż minħabba li ried isir il-*colour correction* wara l-produzzjoni.

d. Spjega kif ir-rikorrent kien ammetta dwar uħud mill-problemi fosthom il-*pit helmets*. Ix-xhud talbu jagħmel rapport sabiex ikunu jistgħu janalizzaw l-iżbalji li saru u pprova ukoll diversi drabi jasal għall-kompromess rigward il-ħlas dovut lilu iżda r-rikorrent baqa' jinsisti li jitħallas b'mod sħiħ. B'hekk talab lil Colin Micallef, Sefora Mannino u Giulia Orsi jagħmlu rapport tagħhom iżda Christian Debono xorta waħda m'ammettiex in-negliġenza tiegħu.

e. Sostna li sfortunatament kellhom jieħdu deċiżjoni li jużaw il-kostumi *sub-standard* tar-rikorrent u imbagħad isir il-*colour correction* wara u dan għaliex kien se jitwal iż-żmien tal-filming u d-danni kienu altrimenti jkunu devastanti.

24. Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2022 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Jean Pierre Magro**[37] ossia wieħed mid-diretturi tal-istess kumpanija responabbli għall-*film*:

a. Spjega li Sefora Mannino kienet għamlet kuntatt ma' Stephen Petroni minn *Lock, Stock and Barrel* sabiex jipprovdi props ta' armi u kostumi u

[37] Fol 145-157

sussegwentement waqt laqgħa miegħu kkonferma li l-kostumi kien ser jipprovdihom ir-rikorrent Christian Debono li jeżerċita n-negozju bl-isem ta' Victory Costumes.

b. Qal li r-rikorrent kien introdott lilhom bħala espert fil-qasam u li kien se jipprovdi kostumi ta' kwalita'. Colin Micallef kien imbagħad spjega lir-rikorrent x'kien hemm bżonn u r-rikorrent kien qallu li kien se jimxi ma' dak li qallu.

c. Fl-2019 huwa rċieva telefonata mingħand Mannino fejn din qaltlu li r-rikorrent kien staqsiha jekk kienitx problema li l-kulur tat-*tunic* u l-qalziet tal-istess kostum jkunu differenti peress li fil-bidu tas-seklu għoxrin l-uniformijiet kienu jinxtraw minn fornituri differenti. Huwa ma kienx aċċetta għaliex għalih din kienet skuża. Inoltre Colin Micallef kien ċert li l-Brittaniċi kienu speċifiċi fuq li l-uniformijiet ikunu kollha tal-istess kulur.

d. F'Awwissu 2019 kellhom laqgħa oħra ma' Christian Debono fejn infurmawh li riedu jnaqqas l-budget iżda dan ma kienx aċċetta u insista li ma setax jagħti skont għaliex kien diġà ħallas l-inqas ammont possibbli għal kostumi ta' kwalita' superjuri li kien qal li kien ser jipprovdilhom, tant li ma kienx ser jaqla' profitt. Fl-aħħar kien ftehmu li kien ser jagħtihom skont u huma kienu ser ituh żewġ uniformijiet iffirmati miż-żewġ atturi prinċipali u għalhekk seta' jaqla' l-flus minnhom.

e. Il-kostumi kellhom jaslu sal-4 ta' Settembru 2019 u dan għaliex l-atturi kellhom żmien ristrett li fih setgħu jippruvaw il-kostumi. Huwa qal li kollegi tiegħu qalulu li l-fitting ta' Harvey Keitel ma marret xejn tajjeb tant li ċemplet il-mara tiegħu għaliex hu kien irrabjat u kien qalilhom li jekk il-kostum ma jitranġax ma kienx ser jirrapporta għall-filming.

f. Fit-tieni ġimgħa ta' Settembru 2019 kellhom qari tal-iscript ġewwa lukanda kif ukoll prova tal-kostumi. Hemmhekk l-atturi esprimew id-diżappunt tagħhom għal kwalità tal-kostumi u meta x-xhud informa lir-rikorrent dwar dan huwa sempliċiment kien qallu li kien qed jagħmel l-aħjar li jista'. Fil-15 ta' Settembru Harvey Keitel ried jerġa jipprova l-kostum wara li l-ħajjata kienu għamlu xi tibdiliet iżda dan xorta waħda ma kienx sodisfatt u l-għada ma riedx immur fuq is-sett. Spjega kif kien għamel ġurnata miegħu il-

Corinthia Palace Hotel f' H' Attard jikkonvinċieh li dawn id-difetti ma kinux se jidhru fil-film. Madanakollu biex tiġi solvuta l-problema, Colin Micallef kellu jġib l-uniformi personali tiegħu kif ukoll qmis ta' kwalita' ferm aktar superjuri. Ma kellhomx għażla għajr li jordnaw tlett kostumi oħra minn Dubai bi spiża ta' € 2,800.

g. Fl-ewwel ġimgħa tal-filming *Sefora Mannino* kienet infurmatu li l-elmi ma kellhomx ċinga tal-ġilda kif suppost, kienu kulur differenti minn dak miftiehem u kienu kbar wisq. Ġew provduti elmi oħra minn Christian Debono li però ma kienu tal-kulur imwiegħed iżda minħabba urġenza kellhom jintużaw xorta waħda.

h. Spjega kif fl-aħħar ta' Jannar tas-sena 2020 huma kienu ltaqgħu ma' Christian Debono u ma riedux iħallsuh u dan għaliex kien negliġenti u soffew diversi danni ħabba fih. Minkejja li kienu offrulu somma sostanzjali sabiex jagħlqu l-kwistjoni huwa ma kienx aċċetta.

25. Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2022, l-intimata ppreżentat ukoll permezz ta' nota, sett ta' ritratti u noti li fi kliemha "*juru x'kien mixtieq mis-soċjetà intimata u ċioe x'kien miftiehem ma' Christian Debono u attwalment x'ġie fornut minnu ...*"[38]

**Kunsiderazzjoni - Ġenerali**

26. Fil-qosor u hawnhekk il-Qorti sejra tislet ukoll mill-osservazzjonijiet magħmula mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża l-oħra, mill-provi ħareġ illi l-kumpanija intimata ġiet iffurmata f'*joint-venture* bejn il-Gvern (tramite l-*Arts Council Malta)* u l-privat (tramite il-kumpanija Juggernaut Limited) sabiex tipproduċi *film* li jikkommemora l-mitt sena mill-avveniment storiku tas-*Sette Giugno.* Dan kien jirrikjedi fost affarijiet oħra kostumi u armi fittizji relattivi għal epoka storika partikolari. Għal dan il-għan, f'April tas-sena elfejn u dsatax (2019) hija avviċinat lil Stephen Petroni li kien jopera bid-ditta "Lock, Stock and Barrel" sabiex dan jipprovdiha b'dak li kellha bżonn rigward kostumi u armi, kif ingħad. Fil-frattemp, ċioe f'Ġunju 2019 Petroni avviċina lir-rikorrent (li jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem "Victory Costumes" biex jitolbu *quotation* għan-nom tal-kumpanija intimata sabiex jipprovdilha l-kostumi li kellha bżonn.

---

[38] Dok JN10 a fol 148-160

27. Ir-rikorrent għadda kampjun lill-produzzjoni tal-*film* u jingħad li kien hemm qbil dwar il-prezz għall-kirja tagħhom. Ir-rikorrent irċieva depożitu ta' € 10,000 inkluż il-VAT mill-intimata tramite Petroni, li min-naħa tiegħu tħallas ukoll is-somma ta' € 4,000 inkluż il-VAT. Prova ta' kemm kien il-prezz miftiehem bejn il-partijiet f'dan l-istadju baqa' ma tressqitx iżda jirriżulta illi fid-9 ta' Lulju 2019 l-intimata (tramite Sefora Mannino) idderiġiet lir-rikorrent sabiex jipproċedi bl-ordni[39] fl-ammonti proposti f'*email* preċedenti li kien bagħat l-istess rikorrent iktar kmieni dakinhar, u skond il-qisien li ġew annessi mill-istess Mannino mal-*email.*[40] Fid-29 ta' Lulju 2019 ir-rikorrent kellu xi tħassib dwar ċertu qisien u talab konferma mill-intimata, liema konferma waslet minn Sefora Mannino fil-31 ta' Lulju 2019, ossia' konferma biex ir-rikorrent jipproċedi bil-qisien li kien ingħata mill-istess intimata.[41] Prova dwar il-prezz imbagħad tirriżulta minn *email* mibgħuta minn Mannino fil-5 ta' Settembru 2019 minn fejn joħroġ illi l-prezz totali kien ta' € 29,000 eskluż il-VAT li minnhom l-ewwel ħlas ta' € 8,500 (eskluż il-VAT) kellu jsir sat-8 ta' Settembru 2019, it-tieni ħlas ossia dak ta' € 10,000 (eskluż il-VAT) sat-30 ta' Settembru 2019 u l-ħlas tal-bilanċ, ossia dak ta' € 10,500 (eskluż il-VAT) wara t-tmiem tal-*filming* li kien previst għal nofs Ottubru 2019.

28. Bħala parti mill-prezz, skond ir-rikorrent kien intlaħaq ftehim ukoll illi r-rikorrent kellu jirċievi lura l-uniformijiet li kienu inkrew (flimkien mal-aċċessorji u *spares* mogħtija minnu) għajr għal tnejn li kienu ser jinżammu mill-*producers* għall-kollezzjoni privata tagħhom. Kellu jirċievi ukoll ċertifikati mill-produzzjoni rigward l-awtentiċita' tal-uniformijiet u dan bħala investiment għalih sabiex ikun jista' jbigħhom bħala *collectibles*. **<u>L-intimata ma ċaħditx li dan kien parti mill-ftehim.</u>**

29. Il-ftehim kien għall-kirja tal-uniformijiet bl-aċċessorji bejn l-4 ta' Settembru 2019 sa' nofs Ottubru 2019. Il-konsenja saret fid-data stipulata u l-*filming* jidher li spiċċa xi għaxart ijiem wara ż-żmien previst. Dan id-dewmien seħħ minħabba problemi li nqalgħu bl-uniformijiet u l-aċċessorji tagħhom fejn apparti li kien hemm numru kbir tagħhom li ma kienux qed jiġu kif suppost lill-atturi, kien hemm ukoll skond l-intimata, *mismatch* fil-kuluri bejn l-uniformijiet, apparti li dawn ma kienux ta' kwalità tajba tant illi nxtorbu meta ġew maħsulha.

---

[39] Fol 36
[40] Fol 39
[41] Fol 34-35

30. Rigward kif kellhom ikunu l-uniformijiet, ir-rikorrent xehed li fil-bidu tal-inkarigu mogħti lilu, huwa ma ġie provdut b'ebda direzzjoni mill-intimata dwar id-dettalji tal-kostumi li kellha bżonn, tant li kellu jagħmel ir-riċerka kollha hu. Skond l-intimata, il-*Military Advisor* tagħha, ċertu Colin Micallef ġie nvolut biss f'Awwissu 2019, meta l-materjal kien diġà nxtara. Jidher li Micallef ried jagħmel xi tibdiliet, u konsegwenza t'hekk kellu jwaqqaf ix-xogħol tal-produzzjoni għal ġimgħatejn, sabiex jinħadem sett ta' kull uniformi u tkun tista' tiġi murija u approvata. Micallef innifsu xehed illi huwa ġie avviċinat mill-intimata f'Jannar 2019 meta kien għaddielha *dossier* dwar kif kellhom ikunu l-uniformijiet. Madanakollu ma sema xejn iżjed fil-frattemp u imbagħad kien xhur wara li ltaqa' mar-rikorrent f'laqgħa urġenti li kienet issejjħet.

31. Skont Jean Pierre Magro, direttur tal-intimata, f'Awwissu 2019 ir-rikorrent kien staqsa lill-assistenta tiegħu Sefora Mannino jekk kienx jippreżenta diffikultà l-fatt li t-tunika u l-qalziet tal-istess uniformi jkollhom kuluri differenti, peress li fil-bidu tas-seklu għoxrin – li kien iż-żmien riferibbli għall-produzzjoni in meritu – l-uniformijiet tas-suldati Ingliżi kienu jinxtraw minn provdituri differenti u b'hekk kienu jkunu mfasslin minn materjal differenti u jkollhom kulur differenti. Din il-proposta tar-rikorrent ma ġietx aċċettata mill-intimata fuq parir tal-konsulent militari tagħhom, Colin Micallef, li sostna li l-premessa fattwali tar-rikorrent kienet żbaljata. Kienet l-istess Sefora Mannino li kkomunikat mar-rikorrent sabiex twaqqfu milli jgħaqqad l-uniformijiet b'materjali differenti.

32. Skont ir-rikorrent il-kampjuni għall-approvazzjoni waslu Malta fl-14 t'Awwissu 2019, u hu mmedjatament iltaqa' ma' Petroni u Micallef, li talbu biss tibdil żgħir. Fis-26 t'Awwissu 2019, ir-rikorrent ġie msejjaħ għal laqgħa mal-produtturi, fejn ħa miegħu sett minn kull uniformi u wera kampjuni tal-materjal li kien se jintuża. Dawn kollha, skond ir-rikorrent, kienu ġew konfermati lilu. Kif ingħad, l-uniformijiet ġew ikkonsenjati lill-intimata fil-ħin.

33. Issa skond l-intimata meta waslu dan il-kostumi rriżultalha li dawn ma kienux tal-kwalità mwiegħda lilha u li l-qisien kienu żbaljati, tant li anki l-artisti prinċipali nvoluti fil-produzzjoni kienu diżappuntati, u wieħed minnhom saħanistra ma riedx jidher aktar fil-produzzjoni. Il- problema dwar il-kwalità kienet tirrigwarda prinċipalment il-materjal. Il-qomos kienu kważi trasparenti, u l-kwalità inferjuri tagħhom kienu jaffettwaw il-kwalità tal-ħoss waqt il-produzzjoni. It-tuniċi kienu qosra wisq, il-buttuni żgħar wisq u jinqalgħu malajr. Il-kostumi kienu wkoll ċkienu

wara li ġew maħsula. L-intimata tgħid li l-ħasil sar skont l- istruzzjonijiet tar-rikorrent u li kienet nfurmatu b'dawn in- nuqqasijiet. Ir-rikorrent sostna li huwa għamel l-almu tiegħu. Għalkemm saru tentattivi sabiex il-kostumi in kwistjoni jiġu modifikati mill-ħajjata nkarigati mill-intimata, ir-riżultati ma kienux sodisfaċenti, anki minħabba l-fatt li r-rikorrent ma kienx ordna materjal żejjed. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jisħaq li qatt ħadd ma qallu li kien hemm bżonn jordna materjal żejjed, u ma ħassx li kellu jagħmel hekk għaliex il-kostumi kienu tailor-made. Skond l-intimata rriżultaha li l-qisien tal-artisti mibgħuta minnha lir-rikorrenti kienu differenti mill-qisien tal-kostumi konsenjati mir-rikorrent. Dan però jiċħad din l-asserzjoni.

34. Skont ir-rikorrent huwa sar jaf li l-qisien tal-kostumi tal-artisti prinċipali ma kienux ġewhom tajbin, iżda kien infurmat li l-uniformijiet ġew ordnati mingħand ħaddieħor, u hu ma ngħatax l-opportunità jivverifika jekk sarx żball min-naħa tiegħu, u f'każ li sar, sabiex jirrimedja għalih. Qal li talab bosta drabi biex jingħata l-qisien tal-kostumi ordnati mill-ġdid, bil-għan li jqabbilhom ma' dawk li kienu ngħataw lilu, iżda dan ma sarx ħlief fir-rigward t'artist wieħed. Meta r-rikorrent qabbel il-qisien il-ġodda ma' dawk li kienu ntbgħatulu, intebaħ li f'Lulju kienu intbagħtulu qisien żgħar wisq.

35. Skont l-intimata s-sitwazzjoni ġiet rimedjata parzjalment bl-involviment ta' Colin Micallef, li provda kostum personali tiegħu, u assistiha biex takkwista kostumi oħrajn ta' kwalità superjuri, bi spejjeż mhux żgħar, minn provditur f'Dubai. Fil-fatt, l-attriċi tgħid li kellha takkwista tliet kostumi b'dan il-mod, li bl-ispejjeż tal-ispedizzjoni ġew jiswew madwar €2,800. Madanakollu skont l-intimata u minħabba li ż-żmien kien qed jagħfas sew, hija ma setatx tistenna lil dawn l-uniformijiet jiġu Malta u kellha taħdem bl-uniformijiet pprovduti mir-rikorrent. Hija għażlet li tagħmel hekk għaliex kienet taf li wara l-*filming* setgħet tinqeda b'servizzi ta' *colour correction,* għalkemm bi spejjeż konsiderevoli. Kien hemm problemi oħra skond l-intimata bil-kostumi pprovduti, inkluż l-elmi tas-suldati, li għalkemm kienu tal-għamla t-tajba, kellhom kulur differenti minn kif suppost u ma kellhomx ċinga tal-ġilda, kif suppost kienu l-elmi tal-epoka rilevanti. Kellhom ukoll id-daqs kbir wisq. Ir-rikorrent ipprovda elmi alternattivi li iżda dawn ma kienux awtentiċi għall-epoka tal- produzzjoni. Kien hemm anki problema bil-kulur taż-żraben, li però ssolviet billi nżebgħu iż-żraben li kellhom kulur ħażin. L-intimata inoltre qalet illi r-rikorrent naqas milli jipprovdiha bil-medalji tas-suldati, iżda r-rikorrent ċaħad li kellu jissupplixxi tali medalji.

36. Colin Micallef ħejja rapport wara li tlesta l-*film* fejn fih elenka n-nuqqasijiet kollha fil-kostumi provduti mir-rikorrent. L-intimata ssostni illi minħabba dawn in-nuqqasijiet

tar-rikorrent, kellha tinkorri spejjeż żejda f'korrezzjoni tal-kulur tal-kostumi, ammontanti għas-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt Ewro (€18,500).

37. Wara t-tmiem tal-produzzjoni, l-uniformijiet in kwistjoni baqgħu fil-pussess tal-intimata u r-rikorrent ma tħallix jeħodhom lura.

38. Skond ir-rikorrent huwa tħallas biss is-somma ta' € 10,000 (inkluż il-VAT) tramite Stephen Petroni fis-6 ta' Lulju 2019 flimkien mas-somma ta' € 8,500 u għalhekk jifdallu jieħu l-bilanċ ta' € 12,025.42 (li għal darb' oħra ma jgħix xejn jekk dan huwiex bil-VAT jew bla VAT). Kif ingħad, l-intimata ma kkontestat la l-prezz u lanqas il-pagamenti li allegatament saru lir-rikorrent akkont tal-prezz.

**Kunsiderazzjoni – eċċezzjoni mressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet finali**

39. L-intimata f'din il-kawża eċċepiet (apparti l-ewwel eċċezzjoni ta' soprasessjoni li kif ingħad ġiet sorvolata bid-digriet li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili) illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma *"infondati fil-fatt u fid-dritt"* u dan għaliex *inter alia* r-rikorrent ma pprovdiex is-servizz maqbul/ma kkonsenjax il-prodotti miftehma u kkawżalha danni li jeċċedu t-€ 18,000 minħabba n-negliġenza tiegħu.

40. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, **iżjed minn erba' snin wara l-ftuħ tal-kawża**, l-intimata għażlet li "tispjega" l-eċċezzjoni tagħha illi t-talbiet tar-rikorrent huma *"infondati fil-fatt u fid-dritt"* billi għall-ewwel darba f'dawn il-proċeduri qalet illi m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti u li l-relazzjoni kuntrattwali kienet biss bejn Stephen Petroni u l-kumpanija intimata, b'dan allura illi r-rikorrent m'għandu jieħu xejn. Qalet ukoll illi mingħajr preġudizzju r-rikorrent qed iħawwad u mhuwiex kredibbli fl-ammont li qed jgħid li għandu jieħu.

41. Il-Qorti tosserva b'ċertu inkredulità illi fl-istess nota ta' sottomissjonijiet finali l-intimata **ma tgħid assolutament xejn** dwar id-difiża prinċipali tagħha li toħroġ mit-tieni eċċezzjoni tagħha, ossia dik illi t-talbiet tar-rikorrent huma *"infondati fil-fatt u fid-dritt"* għaliex ir-rikorrent ma pprovdiex is-servizz maqbul jew ma kkonsenjax l-prodotti miftehma u kkawżalha danni. Dan kollu minkejja li l-maġġor parti tal-provi mressqa f'din il-kawża u fil-kawża l-oħra kienu proprju fuq in-nuqqasijiet riskontrati mill-intimata fl-adempiment tal-obbligazzjonijiet min-naħa tar-rikorrent.

42. M'hemm l-ebda dubbju li din il-mossa *in extremis* min-naħa tal-intimata fin-nota tagħha tal-31 ta' Lulju 2024 ġiet xprunata minn osservazzjoni li għamlet il-Prim' Awla

tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha mogħtija ġimgħatejn qabel (fil-15 ta' Lulju 2024) fl-atti tal-kawża l-oħra meta din qalet *inter alia* s-segwenti:

> "Minn dak li fehmet din il-Qorti, ir-rapport oriġinali tal-attriċi (l-intimata fil-kawża odjerna) kien ma' Stephen Petroni, u kien Petroni li mbagħad qabbad lill-konvenut (ir-rikorrent fil-kawża odjerna) sabiex jipprovdi l-kostumi mfittxija mill-attriċi. Kemm hu hekk, il-provi juru li l-ħlas akkont magħmul mill-attriċi sar lill- istess Petroni, u kien Petroni li sussegwentement għadda lill-konvenut il-parti tiegħu. Għalhekk jidher li, almenu inizjalment, il-konvenut ġie nvolut bħala sub-kuntrattur ta' Petroni, bl-inkarigu speċifiku dwar il-kostumi msemmija. F'dan ir-rigward, tieħu rilevanza akbar ix-xiehda tal-istess Petroni, mogħtija fl-atti tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet inversi, iżda riferibbli wkoll għal dawn il- proċeduri fuq talba konġunta tal-kontendenti, li minnha jirriżulta li l-inkarigu tal- konvenut kien tassew limitat għal kostumi, u li huwa ma tqabbad xejn dwar il-midalji. Dan kuntrarjament għal dak li xehdu bosta mix-xhieda prodotti mill-attriċi, li però ma jidhrux li kienu tant konoxxenti dwar dak li tqabbad jagħmel il-konvenut.
>
> Maż-żmien, il-konvenut u l-attriċi daħlu f'relazzjoni kontrattwali diretta, li ġiet fis-seħħ bl-adeżjoni tal-partijiet kollha nteressati (ara, per eżempju, ***Studiografik Limited vs. Caxton Printshop Limited et***, Appell Inferjuri, 1/12/2017). Dan tant hu minnu li fil- proċeduri ġudizzjarji li saru fil-konfront ta' xulxin, ħadd mill-kontendenti ma ssolleva l-kwistjoni ta' xi nuqqas ta' relazzjoni ġuridika. Il-ħolqien ta' din ir-relazzjoni kontrattwali diretta huwa għalhekk aċċettat mill-Qorti għaliex huwa l-prodott tal- kunsens impliċitu, jekk mhux espress, tal-kontendenti. Il-konsegwenza ta' dan però huwa li l-attriċi assumiet mal-konvenut relazzjoni kontrattwali fil-parametri li fiha kienet inħolqot oriġinarjament bejn il-konvenut u Petroni. Relazzjoni kontrattwali li l- parametri tagħha setgħu biss jiġu estiżi bil-kunsens tal-kontraenti, u mhux b'rieda unilaterali ta' xi ħadd minnhom."

43. Il-Qorti tifhem illi l-intimata qed tittenta tgħaddi mit-tieqa, minflok mill-bieb ta' quddiem, sabiex tipprova tikkonvinċi lill-Qorti illi mill-bidu nett tal-kawża, ossia fir-risposta tagħha, hija kienet qed teċepixxi l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti taħt l-eċċezzjoni ġenerali ta "*infondati fil-fatt u fid-dritt*". Kif forsi taf però l-istess intimata, din il-Qorti ma twelditx il-bieraħ u huwa bil-wisq ċar illi l-intimata ma kellha l-ebda difiża f'dan is-sens fir-risposta tagħha għaliex altrimenti hija kienet tressaqha b'mod preliminari, qabel l-eċċezzjonijiet fil-mertu, u mhux taħbiha f'eċċezzjoni ġenerali.

44. Kif ingħad fis-sentenza **Burmarrad Commercials Ltd v. Desmond Mizzi et** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App 111/2005/1 PS, 28/02/2007) :

> "B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar"

Hekk ukoll fis-sentenza **Kevin Chircop v Joseph Chircop** (PA, Rik 2760/1997/2 PS, 20/02/2009) ingħad illi:

> "L-eżami ta' din ir-relazzjoni ġuridika jikkomporta, allura, u in primis dak tal-aċċertament u tal-identifikazzjoni konkreta tas-soġġetti parteċipanti fih. Dan hu bil-wisq sintomatiku li jkun hekk ġjaladarba r-rapport proċesswali jippresupponi l-pre-eżistenza tar-rapport negozjali anteċedenti li fih il- kontraenti ħadu sehem"

45. Tali eċċezzjoni hija waħda ta' natura *perentorja* in kwantu jekk tintlaqa' r-rikorrent ma jkunx jista' jiftaħ kawża oħra kontra l-intimata fuq l-istess talba.

46. Fis-sentenza **Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta** (Qorti tal-Appell Superjuri, App Nru. 1266/2011/1, 15/06/2023) ingħad illi:

> "Fil-liġi tagħna ma nsibux tifsira tal-kliem, 'eċċezzjoni perentorja', madankollu din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Pauline Brockdorff v. Mondial Travel*** maqtugħa fit-28 ta' Novembru, 2008, illi eċċezzjonijiet perentorji li jaqgħu taħt l-**Artikolu 732 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, «*huma dawk li jekk jintlaqgħu jeżawrixxu għalkollox il-mertu b'mod li l-kawża ma tistax terġa' tiġi proposta kontra l-istess konvenut*»"

47. Billi l-eċċezzjoni hija waħda ta' natura *perentorja*, ai termini tal-Art. 732 tal-Kap. 12 tista' titressaq f'kull waqt tal-kawża, inkluż anke f'nota ta' sottomissjonijiet finali u dan mingħajr bżonn ta' rikors għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex titressaq dik l-eċċezzjoni. F'dan is-sens għalhekk l-intimata ma kellhiex għalfejn toqgħod tinħela f'gabirjoli legali sabiex tressaq din l-eċċezzjoni f'dan l-istadju.

48. Naturalment it-tressiq ta' din l-eċċezzjoni f'dan l-istadju m'huwiex desiderabbli għaliex imur kontra l-prinċipju li l-proċeduri ġudizzjarji għandhom sa fejn huwa possibbli jitħaffu u ma jittawlux bla bżonn. Filfatt li kieku l-Qorti takkolji din l-eċċezzjoni jkun jagħmel sens illi l-persuna li tkun resqitha, f'dan il-każ il-kumpanija intimata, tingħata forma ta' penitenza għall-mod tardiv li bih aġixxiet billi jiġu allokati lilha parti mill-ispejjeż tal-proċeduri. Inoltre, hija *sine qua non* illi kif qalet il-Qorti tal-

Appell Superjuri fis-sentenza appena ċitata l-Qorti ma tkomplix bl-għoti tas-sentenza tagħha, iżda tistħarreġ jekk il-parti l-oħra għandhiex sottomissjonijiet x'tagħmel dwar l-eċċezzjoni, biex b'hekk il-Qorti tiġi li tkun semgħet lin-naħat kollha fuq il-kwistjoni.

49. F'dan l-istadju l-Qorti sejra però tiddipartixxi mill-insenjament tal-Qorti tal-Appell Superjuri billi jidhrilha illi tista' tiddisponi mill-eċċezzjoni in kwistjoni mingħajr il-ħtieġa illi tisma l-veduti tar-rikorrent. Dan jingħad għaliex huwa bil-wisq ċar illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kellha raġun meta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet inversi qalet illi għalkemm inizjalment ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn Stephen Petroni u l-intimata, biż-żmien din inbidlet għal waħda bejn l-istess intimata u Christian Debono bil-kunsens impliċitu tal-partijiet kollha. Ix-xhieda mogħtija fiż-żewġ kawżi mix-xhieda mressqa mill-intimata stess u l-korrespondenza bejn il-kontendenti esebita fl-atti turi bla ebda dubbju illi biż-żmien, ċertament sad-9 ta' Lulju 2019, il-partijiet kollha kienu qed jagħrfu illi l-ftehim kien bejn il-kumpanija intimata fuq naħa bħala l-klijent, u Christian Debono fuq in-naħa l-oħra, bħala *s-supplier* li kien qed jobbliga ruħu li jforniha bl-uniformijiet u l-aċċessorji meħtieġa. Ix-xhieda tal-kreditur l-oriġinali, Stephen Petroni, flimkien ma dik tar-rikorrent (il-kreditur il-ġdid) u iktar importanti minn hekk, tar-rappreżentanti tal-kumpanija intimata (id-debitriċi) juru biċ-ċar illi kien hemm il-kunsens ċar tal-partijiet kollha biex b'hekk kuntrarjament għal dak allegat mill-intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha, seħħet novazzjoni *ex-parte creditoris.* Tant hu minnu dan illi fir-rikors maħluf promotur tagħha fl-atti tal-kawża l-oħra l-intimata stess ppremetiet *in primis* illi hija "*ingaġġat is-servizzi ta' Christian Debono*" u filfatt talbet ir-risarċiment ta' danni *ex-contractu* u mhux *ex-delicto* jew *quasi ex-delicto.*

50. Għalhekk il-Qorti għal kull bwon fini qegħda tiċħad l-eċċezzjoni mressqa mill-intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha illi m'hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti.

**Kunsiderazzjoni – in-natura tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet**

51. Kif ingħad id-difiża fil-mertu postulata mill-intimata fir-risposta tagħha hija l-ebda ammont m'hu dovut lir-rikorrent għaliex dan ma pprovdiex is-servizz maqbul/ma kkonsenjax il-prodotti maqbula u kkawżalha danni li jeċċedu t-€ 18,000. Kif ingħad fis-sentenza mirquma mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet **Isaac Aquilina v. Carmen Zammit** (Avv. Nru. 572/2018 KCX, deċiża 05/11/2020):

"Konvenut f'gudizzju jista' jillimita ruhu li jinterponi deduzzjonijiet, maghrufa bhala eccezzjonijiet, relattivi ghall-fatti guridici pretizi mill-attur avversarju, liema eccezzjonijiet – skond id-duttrina – jistghu jkunu negazzjonijiet assoluti (i.e., dawk li jtendu lejn l-inezistenza ta' xi fatt jew rekwizit kostitutiv ta' l-azzjoni) jew negazzjonijiet relattivi (i.e., dawk li jtendu li jistabbilixxu l-ezistenza ta' xi fatt li jimpedixxi jew jestingwi l-azzjoni). F'tali sitwazzjonijiet, il-konvenut jillimita r-rikjesta tieghu solament ghac-cahda tad-domanda attrici, izda ma jalterax ir-rapport processwali, galadarba l-oggett tal-procediment jibqa' immutat u l-petitum invarjat. Hawnhekk, min hu tenut jiggudika hu f'dover li jirrestringi l-indagni u d-decizjoni tieghu ghal kontroversja wahda u unika – dik proposta mill-parti attrici. Addizzjonalment, anke jekk konvenut jintroduci fil-procediment xi kwestjonijiet godda, izda dejjem bil-fini li t-talba attrici tigi rigettata (bhal per ezempju, l-eccezzjoni ta' intempesitività jew dik tal-kontradittur legittimu jew dik ta' inademplenti contractus), tali deduzzjonijiet/eccezzjonijiet jibqghu ristretti ghad-decizjoni tat-talba introdotta mill-parti attrici. Fi kliem iehor, ghalkemm ikun hemm trattazzjoni ta' tematici jew kwistjonijiet plurimi, il-kawza tibqa' wahda, u cioè dik inizjata mill-attur ...

... Jekk il-parti konvenuta tistenna oltre, hi tehtieg testendi l-indagni tal-vertenza u dan taghmlu billi tressaq it-talbiet ghaliha relattivi u pertinenti. Izda dawn ma jiehdux il-forma ta' eccezzjonijiet, izda ta' talbiet veri u proprji. F'tali sitwazzjoni, il-konvenut ghandu jipprevalixxi ruhu minn dak previst taht l-Art. 4(1)(iii) u l-Art. 5 tal-Ligi Sussidjarja 380.01 (jew taht l-Art. 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jipproponi talba rikonvenzjonali. Bid-domanda rikonvenzjonali – li hi azzjoni awtonoma mqanqla mill-konvenut kontra l-attur fl-istess procediment gudizzjarju digà mibdi il-konvenut jittenta jissupera l-limiti tar-rikjesta tieghu ghar-rigett tad-domanda principali u jitlob lill-Qorti provvediment (decizjoni) *a se stante* u ulterjuri favur tieghu."

52. Fl-azzjoni odjerna, l-intimata qed tittenta ġġib fix-xejn it-talbiet tar-rikorrent billi tikkontesta l-azzjoni tiegħu bl-"*exceptio inadimpleti contractus*" ibbażata fuq il-prinċipju "*inadimplenti non est adimplendum"* ossia illi peress illi r-rikorrent naqas milli jeżegwixxi l-obbligazzjonijiet tiegħu huwa m'għandux jistenna l-ħlas tal-bilanċ altrimenti dovut lilu. Kif rajna, quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili l-intimata marret oltre u fetħet kawża kontra r-rikorrent billi qed tippretendi illi minn din il-vertenza hija għandha tingħata kumpens għad-danni li tgħid li sofriet minħabba l-inadimpjenza tar-rikorrent.

53. Fis-sentenza appena ċitata, t-Tribunal għal Talbiet Żgħar qal is-segwenti dwar l-*exceptio inadimpleti contractus:*

"L-istess eccezzjoni hi bbazata fuq il-principju ekwitattiv ta' *"frustra sibi fidem serbare adeo quis postulat qui fidem a se præstatem servare recusat*" (vide d-decizjoni **Dr. Sir Ugo P. Mifsud noe v. Guido Abela noe** (Appell Kummercjali, 28 ta' Ottubru, 1935) u titnissel mill-principju generali ta' dritt "*inadimplenti non est adimplendum*", u permezz taghha l-kontraent li jigi azzjonat ghax-xoljiment tal-kuntratt jew ghall-ezekuzzjoni tieghu, ghandu jedd li, "*ope exceptionis*", jottjeni r-rikonoxximent "*ex tunc*" tad-dritt tieghu li jissospendi l-esekuzzjoni minn naha tieghu sakemm l-attur jibqa' hu wkoll inadempjenti, ossia li jitlob "*la eliminazjione dei vizi da parte dell'appaltatore o la riduzione del prezzo, e/o il risarcimento del danno*" (MAURO RUBINOSAMMARTANO, "Appalti di Opere e Contratti di Servizzi", CEDAM 2006, 2a edizione; §21.2, p. 485). B'hekk, f'kaz li l-eccezzjoni tinstab fondata, l-konvenut jirnexxielu jipparalizza l-azzjoni mressqa kontrih.

Tajjeb li jigi precizat li fis-sistema tal-ligi Maltija – tnehhi forsi l-Art. 1391 tal-Kodici Civili u l-ewwel zewg sub-incizi ta' l-Art. 1392 tal-istess Kodici, entrambi relattivi ghall-istitut li jittratta "Fuq il-Bejgh" – ma nsibu l-ebda disposizzjoni specifika koncernanti l-eccezzjoni ta' l-inadempjiment, kuntrarjament kif insibu fil-Kodici Civili Taljan, taht l-Art. 1460 tieghu. Ciononostante, hu pacifikament akkolt illi tali eccezzjoni "*tista' tigi sollevata b'mod generali relativament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament, u b'barra minn dan l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-rizoluzzjoni talkuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu*" (**Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilieri**, Prim'Awla, 11 ta' Ottubru, 1966; mhux pubblikata). Din l-eccezzjoni hi ghalhekk mahsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju ta' l-inadempiment da parti ta' dak il-haddiehor li mieghu kien ikkuntratta. F'dan is-sens hi orjentata l-gurisprudenza domestika. Gwida apprezzevoli ghall-insenjamenti kontenuti fiha, hi s-sentenza in re **Emmanuele Aquilina v. Salvatore Aquilina et** (Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1965; mhux pubblikata). Fiha jinghad illi, "*din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi lprestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni*...

... Biex eccezzjoni bhal din tkun tista' tigi akkolta, jehtieg li jirrikorru, skond il-gurisprudenza lokali u dik Taljana ... numru ta' kundizzjonijiet, u cioè:

a. l-ewwelnett jehtieg li si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti radikati fl-istess rapport sinnalagmatiku bejniethom, cioè li l-inadempjenza ta' l-attur li jagixxi ghall-ezekuzzjoni tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali tal-ftehim
b. madanakollu – bhala parentezi ghall-ewwel punt appena maghmul – lanqas ma huwa eskluz li, f'cirkostanzi xierqa, zewg kuntratti (jew aktar) awtonomi bejn l-istess persuni jigu kunsidrati unitarjament, specjalment meta il-kawzali jew finalità ekonomika taghhom tkun wahda, hekk kif

tissenjala ggià citata decizjoni in re **Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilleri**

c. it-tieni kundizzjoni hija li l-inadempjenza allegata mill-konvenut trid tkun verament imputabbli lill-attur u mhux (lil hinn minn forza magguri u ragunijiet ohra estranei ghalih) provokata mill-inadempjenza tal-konvenut innifsu.

d. fl-ahhar, izda mhux lanqas, trid tirrikorri l-kondizzjoni tal-proporzjonalità jew adegwatezza bejn l-inadempjenza attribwita lill-attur u dik tal-konvenut, cioè li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament ghall-prestazzjoni li hu jezigi minghand il-konvenut, ikun ta' certa gravità

e. inoltre, taht il-Kodici Civili Taljan il-gdid, il-htiega tal-presenza ta' listess estrem giet ribadita mill-Qorti Suprema Taljana fit-18 ta' April, 1952 (decizjoni nru. 1042) fejn gie asserit li, "*Quando l'inadempimento non è grave, l'eccezione di inadempienza non è di buona fede*" (cfr. "Foro Italiano: Massime" 1952; p. 262). Tali estrem tal-bona fidi hu espress fil-kapovers ta' l-Art. 1460 fuq indikat illi jaqra hekk: "*Tuttavia non può rifiutarsi l'esecuzione se, avuto riguardo alle circostanze, il rifiuto è contrario alla buona fede*." ..."

54. L-istess rekwiżiti ġew meqjusa neċessarji f'diversi sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati tagħhna fosthom fis-sentenza **Easysell Caterers (Gozo) Limited v. Benjamin Bonello et.** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 06/05/2010, Ċit. 27/2006 PC) u f'dik fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited v. Joseph Brincat** (Qorti tal-Appell, 28/06/2011, App. Ċiv 35/2010 RCP).

55. Bħala parenteżi, jrid jingħad minn din il-Qorti illi ma jidhirx li xi parti jew oħra f'din il-kawża ppruvat tidentifika n-natura tal-kuntratt li daħlu għalih il-partijiet. Fir-rikors promotur ir-rikorrent qed jitlob *"ħlasijiet ta' diversi uniformijiet u aċċessorji".* Fl-ittra uffiċjali li ppreċediet il-kawża, huwa talab il-*"ħlas ta' kirjiet ta' diversi uniformijiet u aċċessorji"*. Min-naħa tagħha fir-risposta tagħha l-intimata tgħid illi r-rikorrent *"ma pprovdiex is-servizz maqbul ... jew inkella ... ma kkunsinnax l-prodotti indikati".* Din it-terminoloġijia tagħti x'tifhem illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' bejgħ, inkella wieħed ta' kirja ta' oġġetti mobbli jew inkella kuntratt ta' appalt.

56. Dwar jekk il-ftehim kienx wieħed ta' appalt, fis-sentenza fl-ismijiet **Denis Farrugia et. v. Joseph Dimech pro. et.noe.** (App Ċiv 111/2002/1 PS, 25/02/2004) ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) illi:

> "Meta appaltatur jintraprendi opra li fiha jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tieghu, imma jfornixxi anki l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgħ."

Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Angela Cassar v. J & C Farrugia et.** (PA, Ċit 941/1997/1 NC, 04/06/2004) ingħad illi

> "Ghalkemm hemm diversi teroiji fid-dottrina, tidher pero' prevalenti u aktar konvincenti t-teorija li sabiex jigi determinat jekk kuntratt kienx wiehed ta' bejgh jew appalt wiehed ghandu jhares lejn l-intenzjoni tal-kontraenti u jekk dawn ikunu harsu principalment lejn l-obbligazzjoni **di fare**, allura l-kuntratt huwa ta' locatio operis, mentri jekk ikunu harsu principalment lejn l-obbligazzjoni **di dare**, il-kuntratt huwa ta' bejgh."

57. Mill-provi esebiti jidher ċar għall-Qorti illi għalkemm kien hemm element ta' preparazzjoni meħtieġa mir-rikorrent konsistenti f'riċerka intensiva dwar it-tipi ta' uniformijiet rikjesti, l-obbligazzjoni prinċipali tiegħu kienet dik li **jagħti** (uniformijiet u aċċessorji) u mhux li jagħmel. Għalhekk m'hemmx dubbju li dan ma kienx ftehim ta' appalt.

58. Huwa daqstant ieħor ċar però illi l-ftehim ma kienx wieħed sempliċi ta' bejgħ għaliex l-intenzjoni kienet li l-uniformijiet jingħataw għal perjodu ta' żmien u imbagħad jiġu rritornati lura lir-rikorrent salv għal xi ftit minnhom illi kellhom jinżammu mill-intimata. Mill-banda l-oħra, r-rikorrent mhux qed jitlob b'mod speċifiku l-ħlas ta' *"kirja"* (għalkemm il-klema *"kirjiet"* intużat fl-ittra uffiċjali li ppreċediet il-kawża) u anqas m'huwa qed jitlob li jiġu rritornati lura l-oġġetti *mikrija* minnu.

59. L-importanza li jiġi identifikat it-tip ta' kuntratt toħroġ minħabba li hemm ġurisprudenza assodata illi tirritjeni illi f'kuntratti ta' *bejgħ* ir-rimedji taħt il-Kodiċi Ċivili disponibbli għax-xerrej f'każ ta' inadempjenza mill-bejjiegħ huma dawk provduti mill-leġislatur taħt it-Titolu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb (ossia t-titolu intitolat "Fuq il-Bejgħ") u mhux ir-rimedji ġenerali li japplikaw għall-obbligazzjonijiet in ġenerali.

60. Fis-sentenza fl-ismijiet: **Reuben Briffa et. v. Joseph Mallia et.** (PA, Ċit 635/98 RCP, 28/02/2002) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili daħlet fil-fond fuq din il-materja u ċċitat ukoll numru ta' sentenzi oħra:

> "Illi pero` l-azzjoni ibbazata fuq l-artikolu 1390 tal-Kap 16, kif inghad fis-sentenza "**Emanuel Borg vs John Xuereb**" (App. Civ 25 ta' Jannar 1989) tirrikjedi li jekk il-venditur jikkonsenja haga mhux tal-kwalita` pattwita jew mhux bhal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kumpratur jista' jaghzel

jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jirceviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli b'eghluq is-sentejn mill-bejgh.

Illi il-kaz odjern pero` l-atturi ma ghazlux wahda mill-alternattivi offerti mill-ligi, pero` ghazlu li jitolbu biss danni, rimedju li mhux kontemplat fil-ligi hlief abbazi tal-artikolu 1390 meta l-atturi jirrifjutaw il-haga, u meta jaccettaw il-haga l-unika haga li jistghu jitolbu huwa biss tnaqqis fil-prezz abbazi ta' stima ta' periti.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi imposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-artikolu 1390 tal-Kap 16.

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Nadia Cassar et vs Charles Pace noe**" (K. JDC. 13 ta' Marzu 1995), fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza "**Scicluna vs Scerri**" (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn inghad illi: "*l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi*."

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony McKay vs Alfred Cassar**" (K. (JF) 10 ta' Dicembru 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390, u dan gie kkonfermat fis-sentenza "**JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited**" (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001).

Illi fil-fatt fl-istess sentenza gew affermati is-segwenti principji u cjoe' li minn dak fuq premess jirrizulta li per analogia u applikati l-principji fuq esposti jirrizulta li:

*"(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permessibbli lix-xerrej,*

*(b) t-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-kaz citazzjoni) odjerna u abbazi tal-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab 'sine qua' non li:*

*(i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*

*(ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti tal-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata il-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi tal-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

Illi minn ezami tac-citazzjoni odjerna jirrizulta li din l-azzjoni saret biss abbazi ta' danni ex contractu skond il-principji generali tal-kuntratti u ghalhekk ghal kollox differenti u estraneja ghall-ligi specjali u azzjonijiet ad hoc permessibbli taht il-kuncett guridiku ta' bejgh jew tpartit skond kif gie ritenut ukoll fis-sentenza "**Portelli vs Grima**" (A.C. 27 ta' Novembru 1957 – XLI.i.341).

Illi fil-fatt jista' jinghad li skond l-artikolu 1390 l-azzjoni ta' danni tista' biss tirnexxi jekk ix-xerrej jaghzel li jirrifjuta l-haga, li ovvjament l-atturi ma ghamlux skond il-premessi minnhom esposti, u ghalhekk l-azzjoni taht l-artikolu 1390 ma tistax tirnexxi.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-artikolu 1427 relattiv ghall-actio redhibitoria u l-actio aestimatoria, id-danni japplikaw biss fil-kaz ta' malafede da parti tal-bejjiegh, u ghalhekk dan ifisser li sabiex jirnexxu t-talbiet ta' danni konsegwenti ghall-bejgh jew tpartit dan jippresumi l-ezistenza u l-esitu posittiv u favorevoli ta' wahda mill-azzjonijiet specjali fuq indikati li fic-citazzjoni attrici huma ghal kollox mankanti ("**Buttigieg vs Hirst**" (Vol XXXII.i.163)."

61. Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet: **Ġorġ Bonello et. v. Joseph sive Ġużi Grech et.** (Rik. 681/20/1 RGM, 28/10/2021) ingħad li:

"Fir-rikors ġuramentat l-atturi jippremettu li wara aktar minn seba' snin li huma kienu akkwistaw id-dgħajsa huma saru jafu li d-dgħajsa kienet afflitta minn difett moħbi. Kien biss taħt il-kappa 'Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri' li tissemma għall-ewwel darba l-kelma 'qerq'. Fit-12-il premessa, l-atturi jispjegaw li l-qerq huwa l-fatt li "l-intimati kienu jafu bl-imsemmi difett, iżda bl-aktar mod qarrieqi u doluż għażlu li jaħbuh mill-esponenti u dan filwaqt illi l-istess intimati offrew garanzija li d-dgħajsa hija mingħajr ebda difetti [...]". Il-qerq għalhekk huwa xejn għajr il-ħabi tad-difett.

Il-ġurisprudenza b'mod konsistenti irriteniet li "[...] *l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skont l-Artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16.*"
………

Jista' jagħti lok li dan l-insenjament qiegħed joħloq ċertu ambigwità rigwardanti l-azzjonijiet li jistgħu jitressqu mix-xerrej. Din il-Qorti temmen li filwaqt li xerrej għandu r-rimedji taħt l-Artikolu 1390 u dak taħt l-Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, dawn m'humiex l-uniċi rimedji. Ix-xerrej m'huwiex marbut li jħoll il-kuntratt ta' kompravendita biss jekk il-kwalità hija inferjuri għal dik li miftiehma jew għaliex l-oġġett għandu difett moħbi, iżda jista' jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew fl-oġġett mibjugħ, jew minħabba ingann jew meta l-kawża tal-kuntratt tkun illeċita jew illegali.

Għalhekk a contrario ta' dak li jgħidu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti jkun ifisser li x-xerrej jista' jressaq biss azzjoni jekk l-oġġett mixtri jkollu difett jew l-oġġett ma jkunx tal-kwalità miftiehma, ma treġġix.

Dan magħdud, din il-Qorti hija però tal-fehma li meta l-azzjoni tkun ippernjata fuq l-eżistenza ta' difett latenti, irrispettivament jekk kienx hemm qerq jew frodi, l-azzjoni għandha dejjem titressaq taħt l-artikoli speċjali maħsuba għal dik il-fini u ċioe l-Artikoli 1424 et seq tal-Kodiċi Ċivili."

62. B'mod interessanti però fit-30 ta' Marzu 2022 il-Qorti tal-Appell (Superjuri) dawwret din is-sentenza u rriteniet is-segwenti:

"11. Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-atturi kellhom biss għad-disposizzjoni tagħhom l-azzjoni taħt il-garanzija għad-difett moħbi.

12. L-Artikolu 1440 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

*"Barra mir-raġunijiet ġa msemmijin f'dan it-Titolu, li għalihom jista' jiġi rexxiss jew maħlul kuntratt ta' bejgħ, u minn dawk li jgħoddu għall-kuntratti kollha, il-kuntratt ta' bejgħ jista',kollu jew biċċa minnu, jiġi maħlul bl-eżerċizzju tal-jedd ta' rkupru,u jista' jiġi rexxiss minħabba leżjoni".*

Minn din id-disposizzjoni hu ċar li r-raġunijiet ta' rexxissjoni li japplikaw għall-kuntratti kollha, japplikaw ukoll għall-kuntratt ta' bejgħ. Il-fatt biss li l-atturi ppremettew li wara l-bejgħ skoprew li d-dgħajsa fiha difett u li l-konvenuti taw garanzija li d-dgħajsa "*hija mingħajr difetti moħbija bħala osmosis, daqqiet jew difetti oħra kemm fil-magna jew f'xi parti oħra tas-sailing boat*", ma jfissirx li l-uniku kawża li setgħu jipproponu kienet l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja. Dawk huma biss fatti li l-atturi kellhom bilfors isemmu fir-rakkont ta' dak li ġara biex jispjegaw dak li wassalhom biex jiftħu l-kawża."

63. Fil-kawża odjerna l-intimata qed tgħid *per via d'eccezione* fost affarijiet oħra illi r-rikorrent ma kkonsenjax il-prodotti indikati lilu minnha. Fil-verità però mill-provi jirriżulta illi iżjed milli nuqqas ta' konsenja da parti tar-rikorrent (f'liema każ kien ikun applikabbli l-Art. 1385 tal-Kap. 16), il-kwistjoni vera hija li skond l-intimata r-rikorrent naqas milli jikkonsenja l-oġġetti skond il-kampjuni li ġew approvati minnha. Għalhekk, għad li ma ssemmihx fir-risposta tagħha, jidher illi dak li xtaqet tagħmel l-intimata hija illi tilqa' għat-talbiet tar-rikorrent billi teċepixxi skond dak li jipprovdi l-Art. 1390 tal-Kap. 16:

> **'1390. Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.'**

64. Li kieku l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' bejgħ, il-problema prinċipali li altrimenti kien ikollha l-intimata b'din it-tip ta' difiża hija illi mill-provi jirriżulta illi hija qatt ma rrifjutat l-uniformijiet u aċċessorji kkonsenjati lilha iżda ħadet deċiżjoni li taċċettahom, tagħmel tibdiliet f'dawk l-uniformijiet li ma ġewx lill-atturi, tużahom u imbagħad fir-rigward tal-kuluri differenti tagħhom tagħmel proċess ta' *colour-correction* wara t-tmiem tal-produzzjoni. Sal-lum il-ġurnata filfatt l-uniformijiet u l-aċċessorji għadhom fil-pussess tagħha.

65. Madanakollu kif ingħad iktar 'l fuq ma jirriżultax illi l-ftehim kien wieħed sempliċi ta' bejgħ għaliex l-intenzjoni kienet li l-uniformijiet jingħataw għal perjodu ta' żmien u imbagħad jiġu rritornati lura lir-rikorrent salv għal xi ftit minnhom illi kellhom jinżammu mill-intimata.

66. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis illi l-ftehim kien wieħed ta' **kirja ta' oġġetti mobbli** fejn il-korrispettiv kien il-ħlas ta' ammont (li legalment m'huwa xejn ħlief ammont ta' kera) flimkien ma' ħruġ ta' ċertifikati mid-diriġenti tal-kumpanija intimata. Għalhekk salv għal dawk l-uniformijiet illi fuqhom kien hemm qbil bejn il-partijiet illi sejrin jinżammu mill-intimata, l-bqija tal-uniformijiet u l-aċċessorji huwa proprjeta tar-rikorrent li għandu dritt għar-restituzzjoni tagħhom skond il-liġi. F'din il-kawża però huwa qed jitlob biss il-ħlas (tal-kirja) tagħhom u l-Qorti hija marbuta mal-kawżali tat-

talba <u>jekk tiġi ppruvata</u>[42] t-talba tiegħu anke jekk jiġi ppruvat jedd ieħor (ossia dik tar-restituzzjoni tagħhom).

67. Kif ingħad ukoll iżjed 'l fuq, l-eċċezzjoni ta' *"inadimplenti non est adimplendum"* tista' tigi sollevata b'mod ġenerali relativament għall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha (salv għal dak li tgħid il-ġurisprudenza fir-rigward tal-istitut tal-bejgħ), u mhux biss fejn il-liġi tipprovdi għaliha speċifikatament. B'tali eċċezzjoni l-intimata qed tipprova tipparalizza l-azzjoni avversarja billi tisħaq illi darba r-rikorrent ma eżegwixxiex l-obbligazzjoni tieghu, ma jistax jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni (jiġifieri l-ħlas tal-kirja) min-naħa tal-intimata.

**Kunsiderazzjoni – jekk jirriżultawx l-elementi tal-"*inadimplenti non est adimplendum"***

68. Biex l-intimata jirnexxielha fl-eċċezzjoni tagħha *inadimpleti contractus* trid qabel xejn u ta' bilfors tipprova illi l-inadempjenza tar-rikorrent allegata minnha tkun tolqot xi obbligi tiegħu li jkunu parti integrali tal-ftehim.

69. Il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti jirriżulta illi:

a. Il-*military advisor* Colin Micallef ma kienx mitlub li jgħaddi xi informazzjoni jew riċerka lir-rikorrent **<u>qabel</u>** ma saret l-ordni u li l-kumpanija intimata m'għaddiet l-ebda studju/riċerka tal-istess Micallef lir-rikorrent. Għalhekk, kif sew qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha, kienet l-intimata (u ċertament mhux ir-rikorrent) li naqset b'mod serjament meta ma aċċertatx ruħha illi r-rikorrent jiġi a konoxxenza ta' din ir-riċerka speċifika li kienet diġa saret mill-*military advisor* tagħha, qabel ma dan ordna l-uniformijiet/aċċessorji rikjesti minnu.

b. Dwar il-qisien u d-daqs tal-uniformijiet, dawn kienu ġew provduti lir-rikorrent minn Sefora Mannino fl-*email* tagħha tad-9 ta' Lulju 2019.[43] Skont ir-rikorrent l-uniformijiet pprovduti minnu kienu skond dawn il-qisien. Kif inhuwa magħruf, in bażi għad-dritt probatorju, kull parti

[42] L-Art. 213 tal-Kap. 12 japplika biss jekk ma tiġix ppruvata t-talba kif tkun ġiet imfissra fir-rikors iżda jinstab li jkun japplika jedd ieħor li ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali.
[43] Fol 36 u 39

għandha d-dmir li tagħti prova ta' l-eżistenza tal-fatt allegat, favorevoli għat-tezi tagħha. Dan l-oneru hu distribwit b'mod li r-rikorrent irid jipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*) mentri l-intimata hija tenuta tipprova l-fatt minnha allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza tar-rikorrent (*reus in excipiendo fit actor*). Huwa għalhekk illi dan l-oneru jista' joxxilla minn parti għall-oħra matul il-proċeduri għax kif jingħad jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tar-rikorrent hija sostenuta.

Issa r-rikorrent ipprovda (i) prova illi l-qisien kienu ġew mibgħuta lilu mill-intimata, (ii) prova illi tal-inqas fil-każ tal-attur Malcolm McDowell il-qisien li kienu ngħatawlu kienu ħżiena[44]. Dwar l-atturi l-oħra u l-*extras* ir-rikorrent qal illi l-intimata baqgħet ma pprovditlux bil-qisien attwali tagħhom minkejja li talabha kemm il-darba. L-inqas ħaġa li kellha tagħmel l-intimata għalhekk biex issostni l-allegazzjoni tagħha illi r-rikorrent ordna uniformijiet mhux skond il-qisien li ngħatawlu, kienet illi tipprovdi l-qisien tal-uniformijiet ikkonsenjati lilha sabiex turi diskrepanza bejn dak li ġie miftiehem u dak li effettivament ngħata lilha. Wara li tressaq tali prova, kien ikun jagħmel sens ukoll illi l-intimata tressaq prova ukoll tal-qisien attwali tal-atturi/extras kif ġew imkejjla qabel ma beda l-*filming* sabiex turi li l-uniformijiet ordnati mir-rikorrent ma kienux jiġuhom. L-intimata però ma ressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward ħlief l-asserzjonijiet tax-xhieda tagħha li dawn il-qisien kienu differenti minn dawk li ngħataw lir-rikorrent.

Mhux hekk biss. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha, billi l-uniformijiet in kwistjoni għadhom fil-pussess tal-intimata, hija kellha f'idejha l-oġġett innifsu in kontestazzjoni u għalhekk kellha kull opportunità li jew tressaq dak l-oġġett bħala prova jew inkella titlob li ssir prova tal- oġġett permezz ta' perizja, jekk ikun il-każ. Dan però l-intimata m'għamlitux għal raġunijiet li taf hija biss.

---

[44] Fol 31 u 42

c. Din l-aħħar osservazzjoni tgħodd ukoll għan-nuqqasijiet l-oħra li ġew allegati mill-intimata fosthom dik illi l-uniformijiet ġew f'kuluri differenti, illi kienu ta' materjal li ma kienx tajjeb, li xi aċċessorji kienu difettużi u li xi aċċessorji li suppost ngħataw, ma kienux ngħataw. Dwar il-kuluri u d-diskrepanza li seta' kien hemm bejn l-uniformijiet, kif qalet il-Qorti fil-kawża l-oħra, mhuwiex ċar x'kien il-ftehim bejn il-kontendenti dwar kif kellhom jiġu ordnati l- kuluri tal-uniformijiet. Ir-rikorrent isostni li l-uniformijiet ġew ordnati abbażi ta' kampjuni li kienu approvati mill-intimata wara li għamel ir-riċerka tiegħu (li fost affarijiet oħra turi li fl-epoka in kwistjoni kien hemm ċertu varjanza fil-kuluri tal-uniformijiet tal-*army officers*). L-intimata apparti li fl-atti ressqet biss ritratti ta' kwalita' ħażina ferm[45] ta' din id-diskrepanza fil-kuluri, ma ressqitx prova kuntrarju fis-sens illi **<u>qabel ma saret l-ordni</u>** hija kienet tat struzzjonijiet lir-rikorrent mod ieħor ta' kif kellhom ikunu l-kuluri tal-uniformijiet.

Fir-rigward tal-aċċessorji li allegatament ma ngħatawx (ċerti *insignia* fuq l-uniformijiet), mill-atti ma jirriżultax illi r-rikorrent tqabbad li jipprovdi xi oġġetti oltre l-uniformijiet in kwistjoni.

L-istess element ta' nuqqas ta' provi min-naħa tal-intimata japplika ukoll għall-allegazzjonijiet tagħha li xi *helmets* tkissru għaliex ma kienux ta' kwalita' tajba, li xi *helmets* kienu kbar wisq u li l-uniformijiet kienu maħduma minn kwalita inferjuri tant illi nxtorbu wara l-ħasil. F'kull każ, huwa ferm indikattiv in-nuqqas illi l-intimata tesebixxi imqar kampjun ta' xi uniformi/oġġett in sostenn tal-allegazzjonijiet.

70. Id-difiża mressqa mill-intimata tal-*inadimpleti contractus* għalhekk tfalli l-ewwel test tagħha, ossia dik illi l-inadempjenza tar-rikorrent tkun tolqot xi obbligu tiegħu, wisq anqas illi kien hemm xi inadempjenza ta' ċertu gravita. Fiċ-ċirkustanzi din id-difiża ma tistax tiġi akkolta.

**Kunsiderazzjoni: ammont dovut**

71. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha l-intimata tisħaq illi r-rikorrent ressaq xhieda kunfliġġenti fir-rigward tal-ammont li huwa allegatament dovut lilu. Tgħid

---

[45] Fol 123-127

ukoll illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrent talab VAT li mhux dovut lilu u li elimina kompletament il-VAT mill-*istatement*.

72. Huwa minnu li d-dokument kummerċjali li ġie esebit mir-rikorrent, anness mar-rikors promotur[46], ma jsemmi xejn dwar VAT. Inċidentalment anqas jista' jingħad, kuntrarjament għal dak li jgħid fir-rikors[47], illi tali dokument jikkonsisti f'fattura (*tax invoice* jew *invoice*) iżda filfatt huwa prospett (*statement*) b'riferenza għall-ħlasijiet li għamlet l-intimata u għall-bilanċ mitlub. Il-Qorti tawspika illi r-rikorrent ikun iżjed konformi mal-prassijiet u esiġenzi kummerċjali fejn għandu x'jaqsam *requests for payment* u *invoices*, jekk xejn sabiex ma jixħitx dubbji fuq l-ammonti li jirreklama bħala prezz tal-oġġetti li huwa jikri lil terzi.

73. Ċio nonostante huwa ċar għall-Qorti illi l-partijiet ftehmu kemm dwar il-prezz u kemm dwar jekk hemmx VAT dovut fuq tali prezz. Fl-*email* mibgħuta minn Mannino fil-5 ta' Settembru 2019 joħroġ illi l-prezz totali kien ta' € 29,000 eskluż il-VAT li minnhom l-ewwel ħlas ta' € 8,500 (eskluż il-VAT) kellu jsir sat-8 ta' Settembru 2019, it-tieni ħlas ossia dak ta' € 10,000 (eskluż il-VAT) sat-30 ta' Settembru 2019 u l-ħlas tal-bilanċ, ossia dak ta' € 10,500 (eskluż il-VAT) wara t-tmiem tal-*filming* li kien previst għal nofs Ottubru 2019.

74. Ir-rikorrent jgħid illi huwa tħallas biss is-somma ta' € 10,000 (inkluż il-VAT) tramite Stephen Petroni fis-6 ta' Lulju 2019 flimkien mas-somma ta' € 8,500 u għalhekk jifdallu jieħu l-bilanċ ta' € 12,025.42 (li għal darb' oħra ma jgħix xejn jekk dan huwiex bil-VAT jew bla VAT).

75. L-intimata ma kkontestat la l-prezz u lanqas il-pagamenti li allegatament saru lir-rikorrent akkont tal-prezz.

76. Dwar jekk il-VAT għandux jitqies li huwa parti mill-prezz meta ma jkunx ġie indikat b'mod espress, l-Art. 49(2) u (3) tal-Kap. 406 jipprovdu illi:

> **"(2) Fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fi ħlas għal provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas, ħlief għal f'fattura jew dokument li jservi**

[46] Fol 3
[47] "*bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-fattura ...*"

**bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa.**

**(3) Fejn l-ammont ta’ taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fil-prezz imħallas għal provvista fuq fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġ minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra dak il-prezz għandu jitqies li ma jkunx jinkludi t-taxxa.”**

77. Fin-nuqqas ta’ prova illi l-intimata hija meqjusa persuna taxxabbli għall-finijiet tal-Kap. 406, il-presunzjoni legali hija għalhekk illi l-ammont mitlub ta’ € 12,025.52 huwa wieħed li jinkludi l-VAT. Madanakollu din il-presunzjoni legali tista’ tiġi mxejjna minn provi oħra li jistgħu jirriżultaw mill-atti u filfatt kif diġa ngħad, l-*email* mibgħuta minn Sefora Mannino fil-5 ta’ Settembru 2019 tindika b’mod ċar il-qbil tal-intimata li l-prezz totali huwa dak ta’ € 29,000 **<u>eskluż il-VAT.</u>** Għalhekk ftit għandu jkun hemm dubju illi l-bilanċ mitlub mir-rikorrent jeskludi l-VAT anke jekk ma jipprovdix espressament għalih fil-prospett anness mar-rikors promotur.

78. Skond l-*email* imsemmija, il-ftehim dwar il-ħlasijiet kien kif ġej:

| **EUR (eskluż il-VAT)** | **Data miftehma għall-ħlas** |
|---:|---:|
| € 8,500 | Sat-8 ta' Settembru 2019 |
| € 10,000 | Sat-30 ta' Settembru 2019 |
| € 10,500 | Sa nofs Ottubru 2019 |
| **€ 29,000** | |

79. Issa skond ir-rikorrent stess, fis-6 ta’ Lulju 2019 Stephen Petroni kien għaddielu € 10,000 mill-ammont ta’ € 14,000 illi kien ġie mgħoddi lilu mill-Arts Council. Għalkemm dan il-ħlas donnu ma ġiex kontemplat minn Sefora Mannino fl-*email* tagħha tal-5 ta’ Settembru 2019, l-ammont imsemmi ta’ € 10,000 qiegħed jiġi allokat mir-rikorrent stess bħala ammont li tħallas akkont tal-prezz. Madanakollu għal xi raġuni jew oħra fil-prospett anness mar-rikors, ir-rikorrent qed jallokah fl-ammont ta’ € 8,474.58 daqs li kieku ma tħallasx l-VAT.

80. Jirriżulta għalhekk illi prospett korrett tal-ħlasijiet li saru u tal-fatturi li nħarġu (jew meta kellhom isiru l-ħlasijiet) huwa kif ġej:

| Data | Deskrizzjoni | Ħlas | Ammont | Bilanċ |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 06/07/2019 | Ħlas li sar tramite Stephen Petroni | -€ 10,000 | | -€ 10,000 |
| 05/09/2019 | Fattura li nħarġet 04/09/2019 | | € 8,500 | -€ 1,500 |
| 05/09/2019 | Ħlas li sar mill-intimata | -€ 8,500 | | -€ 10,000 |
| 30/09/2019 | Ammont li kellu jitħallas | | € 10,000 | 0 |
| 15/10/2019 | Ammont li kellu jitħallas | | € 10,500 | € 10,500 |

81. L-ammont dovut lir-rikorrent huwa għalhekk dak ta' € 10,500 eskluż il-VAT.

82. Kif ġa ngħad ir-rikorrent talab biss il-ħlas lilu ta' dan il-bilanċ u ma talabx ir-restituzzjoni tal-uniformijiet/aċċessorji li għadhom fil-pussess tal-intimata. Għalhekk il-Qorti ma tistax tinoltra ruħha f'dan l-aspett ta' dritt li jmiss lir-rikorrent.

**Deċiżjoni**

83. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqà t-talba tar-rikorrent *in parte* b'dana illi:**

   a. **Tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitriċi tar-rikorrent fis-somma ta' għaxart elef u ħames mitt euro (€ 10,500) eskluż il-VAT rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' uniformijiet u aċċessorji mikrija u kkonsenjati lilha.**

   b. **Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas dan l-ammont lir-rikorrent bl-imgħax legali dekoribbli kif mitlub, ossia mis-6 ta' Frar 2020 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjeż kollha kif mitluba, għajr għal dawk tal-mandat li prova tiegħu baqgħet ma tressqitx, ikunu a kariku tal-intimata.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep Reġistratur